## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 318/2016: **SANDRO CILIBERTI (KI. 385269M) V. SAVIOUR BALZAN U MATTHEW VELLA**

(LIBELL - DANNI GHAL MALAFAMA TAĦT ART. 28 TAL- KAP. 248 – DEFINIZZJONI TA' EDITUR TAĦT L-ART. 2 TAL-KAP. 248 – EXCEPTIO VERITATIS – IS-SINGLE MEANING TAL-ALLEGAZZJONIJIET - IL-ĠUSTIFIKAZZJONI TA' ALLEGAZZJONI MAGHMULA MINN TERZ – ID-DIFFIKULTA' LI JISTA' JKOLLU D-DIFFAMATUR SABIEX JIPPROVA L-VERITA' – ID-DRITT TA' KRONAKA)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**17 ta' Ġunju 2024**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Sandro Ciliberti (imsejjaħ "ir-rikorrent") ippreżentat fil-21 ta' Diċembru 2016[1] li permezz tiegħu talab lil Saviour Balzan (imsejjaħ "l-intimat Balzan") u lil Matthew Vella (imsejjaħ "l-intimat Vella") – flimkien imsejjħa "l-intimati" – sabiex jidhru quddiem il-Qorti fid-data appuntata għas-smiegħ u jgħidu 'l għaliex m'għandhomx jiġu kkundannati li:

> **'prevja dikjarazzjoni li l-artiklu kitba tal-konvenut Saviour Balzan intitolat "*Police trace source of payments for property in investigation's final stages"* u ppubblikat fil-ħarġa tal-ġurnal Malta Today tat-tmintax (18) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sittax (2016) ta' liema ġurnal l-konvenut Matthew Vella[2] huwa l-editur, u wkoll fuq is-sit elettroniku www.maltatoday.com.mt, huwa libelluż u malafamanti billi jikkontjeni allegazzjonijiet foloz li għandhom bħala skop li jtellfu jew jnaqqsu r-reputazzjoni tal-attur; tħallsu lill-attur dik is-somma li tiġi likwidata, determinata u stabbilita minn din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 28 tal-**

[1] Fol 1
[2] B'digriet datat 15 ta' Ottubru 2018 il-Qorti awtorizzat li l-kliem "Matthew Vella" jiġu sostwiti bil-kliem "Saviour Balzan".

**Att dwar l-Istampa (Kapitolu 248 tal-Liġijiet ta' Malta) bħala danni u riparazzjoni tal-malafama;**

**Bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa qed jiġu nġunti għas-subizzjoni."**

wara li rat ir-risposta tal-intimati ippreżentata fl-20 ta' Jannar 2017[3] li permezz tagħha rrispondew kif ġej:

**' 1. Illi in primis il-konvenut Matthew Vella mhux il-leġittimu kontradittur u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante illi huwa m'huwiex l-editur reġistrat la tal-ġurnal Malta Today u lanqas tas-sit elettroniku www.maltatoday.com.mt.**

**2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni suesposta, l-attur irid jindika liema huma dawk il-brani tal-artiklu in kwestjoni li huma allegatament libellużi u malafamanti, ai termini ta' dak li qed jitlob.**

**3. Illi se mai il-fatti esposti fil-pubblkazzjoni huma sostanzjalment minnhom, jesponu l-verita' tal-fatti u ma jikkontjenux allegazzjonijiet foloz.**

**4. Illi fi kwalunkwe każ il-pubblikazzjoni kienet ta' interess pubbliku u l-intimati kienu qegħdin jaqdu korrettament id-dmir tagħhom li jirrapportaw dwar aħbar serja, gravi u ta' importanza pubblika.**

**B'riserva ta' eċċezzjonijiet ulterjuri.**

**Bl-ispejjeż kontra l-intimat (sic!)'**

wara li rat illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta permezz tal-assenjazzjoni magħmula ai termini tal-Artikolu 520(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 11(9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta b'effett mill-10 ta' Mejju 2019,

wara li semgħet ix-xhieda u/jew fejn applikabbli qrat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda li nstemgħu minn din il-Qorti diversement presjeduta (inklużi dawk kollha li nstemgħu fil-kawżi rik nru. 315/2016, 316/2016, 317/2016, 319/2016, 320/2016, u 321/2016);

wara li rat id-dokumenti l-oħra kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża (inklużi dawk li ġew esebiti fil-kawżi rik nru. 315/2016, 316/2016, 317/2016, 319/2016, 320/2016, u 321/2016),

wara li rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali rispettivi magħmulha

- għan-nom tar-rikorrent, mill-Avukat Dr. Marco Ciliberti[4],

---

[3] Fol 5
[4] Fol 104-128

- għan-nom tal-intimati, mill-Avukat Dr. Andrew Saliba[5],

qed tagħti din is-

## Sentenza

### Liġi applikabbli

1. Għall-finijiet ta' preċiżjoni jingħad illi fl-14 ta' Mejju 2018, ċioe' ftit iżjed minn sittax-il xahar wara l-ftuħ ta' din il-kawża, daħal fis-seħħ permezz tal-Att XI tal-2018 il-Kap. 579 intitolat 'l-Att dwar il-Midja u l-Malafama'. Għalkemm b'effett mill-14 ta' Mejju 2018 ġie mħassar ukoll il-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta madanakollu ai termini tal-Artikolu 25(2) tal-Kap. 579:

> « 25(2). ... l-Att imħassar, kif fis-seħħ qabel ma jiġi mħassar permezz ta' dan l-Att, għandu jkompli japplika fir-rigward ta' kawżi pendenti fil-qorti fiż-żmien li jitħassar »

2. Għaldaqstant huwa ċar illi huma d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta (L-Att dwar l-Istampa) li japplikaw għall-kawża odjerna.

### Il-mertu tal-każ

3. L-artiklu mertu ta' din il-kawża kien is-seba' u l-aħħar wieħed minn sensiela ta' seba' artikli ppubblikati fuq medda ta' ġimgħatejn bejn l-4 ta' Diċembru u s-16 ta' Diċembru 2016, fuq il-gazzetta "Malta Today" u fuq is-sit elettroniku tagħha, li kienu jittrattaw prinċipalment l-istess tema. Il-karattri prinċipali li jiffiguraw fl-artikli huma **Evarist Bartolo** (il-Ministru għall-Edukazzjoni), **Joseph Caruana** (Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni) u ħuh **Edward Caruana** (allegatament *Procurement Officer* fi ħdan il-*Foundation for Tomorrow's Schools* maħtur bħala *person of trust* mill-Ministru Bartolo u deskritt ukoll bħala *former canvasser and driver* tal-Ministru), **Philip Rizzo** (CEO tal-*Foundation for Tomorrow's Schools*) u sintendi r-rikorrent **Sandro Ciliberti** (negozjant ibbażat Għawdex u li jissupplixxi l-għamara tal-iskejjel). Sintendi l-karigi msemmija huma dawk li l-persuni in kwistjoni kienu jokkupaw fiż-żmien jew qrib iż-żmien li ġew ippubblikati l-artikli:

    - L-ewwel wieħed ġie ppubblikat nhar il-Ħadd 4 ta' Diċembru 2016 bit-titlu "**FTS tenderer flagged Evarist Bartolo aide back in February 2015**". Dan jifforma l-mertu tal-kawża bin-numru 315/2016 li ukoll qed tiġi deċiża llum

[5] Fol 128-136 tal-proċess fil-kawża bin-numru 320/2016

kontestwalment ma' din is-sentenza. L-artiklu ġie ippubblikat fil-faċċata tal-ġurnal bi tkomplija fuq paġna 3. Fil-korp ta' dan l-artiklu, fuq il-faċċata, hemm ir-ritratti ta' Philip Rizzo, dak iż-żmien CEO tal-*Foundation for Tomorrow's Schools* (FTS) viċin dak ta' Evarist Bartolo, dak iż-żmien Ministru għall-Edukazzjoni, flimkien ma' sottotitolu bil-kliem: "**Education minister's former canvassar told FTS tenderer to contact Gozo bomb victim Sandro Ciliberti over supply of goods – Police set to investigate link between Edward Caruana and Ciliberti**". F'paġna numru tlieta imbagħad hemm ritratt tal-Ministru Bartolo u s-Segretarju Permanenti ta' dak iż-żmien fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni, Joseph Caruana, flimkien ma' ritratt tar-rikorrent Sandro Ciliberti. Hemm ukoll sottotitolu bil-kliem: "**In his damning resignation letter Rizzo accused Bartolo of not telling the truth and knowing for a long time about wrongdoing by his person of trust**". L-artiklu ġie miktub minn Saviour Balzan.

- It-tieni wieħed ġie ppubblikat ukoll nhar il-Ħadd 4 ta' Diċembru 2016 u kien iġorr it-titlu "**Just another Sunday**". Dan jifforma l-mertu tal-kawża bin-numru 319/2016 li ukoll qed tiġi deċiża llum kontestwalment ma' din is-sentenza. L-artiklu ġie ppubblikat bħala *Opinion Piece* fuq paġna 18 tal-ġurnal. Fil-korp tiegħu hemm ritratt kbir ta' Philip Rizzo flimkien ma' sottotitolu ieħor bil-kliem: **"They should dig deep in the Ciliberti allegations, and Bartolo should stop to think whether he can defend his position by keeping his permanent secretary, or lose him and start afresh".** L-artiklu ġie miktub minn Saviour Balzan.

- It-tielet artiklu ġie ppubblikat tlett ijiem wara fl-edizzjoni tal-Malta Today li toħroġ nhar t'Erbgħa, sewwasew fit-tieni u t-tielet paġna, bit-titlu: "**Bartolo denies learning of allegations in 2015**". Dan jifforma l-mertu tal-kawża bin-numru 320/2016 li ukoll qed tiġi deċiża llum kontestwalment ma' din is-sentenza. Fil-faċċata tal-gazzetta, sewwasew fil-korp tal-artiklu li jifforma l-mertu tal-kawża numru 321/2016, hemm is-sottotitolu bil-kliem: **"INSIDE Evarist Bartolo denies learning of allegations in 2015, releases emails exchanged with Philip Rizzo in 2016".** Fil-korp tal-artiklu, sewwasew fit-tielet paġna tal-gazzetta, ġie ppubblikat ritratt imdaqqas tar-rikorrent Ciliberti. L-artiklu ġie miktub minn Tim Diacono. Fit-tielet paġna ukoll ġie ppubblikat artiklu ieħor li pero ma jifforma parti mill-ebda libell, bl-isem "**Education Minister publishes SMSs, emails, exchanged with former FTS CEO**".

- Ir-raba' artiklu ġie ppubblikat fl-istess ġurnata u fl-istess edizzjoni tal-Malta Today li toħroġ nhar t'Erbgħa, bit-titlu: "**FTS Tenderer had told Minister of "disgusting procurement system"**. Dan jifforma l-mertu tal-kawża bin-numru

321/2016 li ukoll qed tiġi deċiża llum kontestwalment ma' din is-sentenza. L-artiklu ġie ppubblikat fil-faċċata tal-gazzetta bi tkomplija fuq it-tieni paġna. Fl-ewwel faċċata ġie ppubblikat ukoll ritratt tal-Ministru ta' dak iż-żmien, Evarist Bartolo flimkien mal-Prim Ministru ta' dak iż-żmien. Fit-tieni paġna hemm ukoll is-sottotitolu bil-kliem: "**Bidder said Italian boasted of designs winning FTS tenders for 12 years**". L-artiklu ġie miktub minn Miriam Dalli.

- Il-ħames artiklu ġie ppubblikat erbat ijiem wara fl-edizzjoni tal-Ħadd, fil-faċċata tal-gazzetta bi tkomplija fit-tielet paġna, bit-titlu: "**FOUNDATION OF TOMORROW'S SCHOOLS. Police probe Caruana links between Rabat property and phantom Gozo works**". Dan jifforma l-mertu tal-kawża bin-numru 316/2016 li ukoll qed tiġi deċiża llum kontestwalment ma' din is-sentenza. Ġie ppubblikat ukoll ritratt ta' dik li tidher li hija blokka t'appartamenti. Fit-tielet paġna hemm is-sottotitolu bil-kliem "**Bartolo under fire for not having taken action earlier**". Hemm ukoll erba' ritratti maġenb xulxin tal-Ministru Bartolo, Joseph Caruana, Philip Rizzo u tar-rikorrent Ciliberti. L-artiklu ġie miktub minn Saviour Balzan.

- Is-sitt artiklu ġie ppubblikat fl-istess ġurnata bħala *Opinion Piece* fuq paġna 18 tal-ġurnal, bl-isem "**Għażiż Varist**". Dan jifforma l-mertu tal-kawża bin-numru 317/2016 li ukoll qed tiġi deċiża llum kontestwalment ma' din is-sentenza. L-artiklu ġie miktub minn Saviour Balzan.

- Is-seba' u l-aħħar artiklu, dak li jifforma l-mertu tal-kawża odjerna (numru 318/2016), ġie ppubblikat ġimgħa wara bit-titlu: "**FOUNDATION FOR TOMORROW'S SCHOOLS. Police trace source of payments for property in investigation's final stages**" fil-faċċata tal-gazzetta bi tkomplija fuq paġna tlieta. Fil-faċċata ukoll ġie ppubblikat ritratt żgħir ta' Edward Caruana, dak iż-żmien persuna li kien jokkupa kariga ta' *person of trust* tal-Ministru Bartolo. Fit-tielet paġna hemm sottotitolu bil-kliem "**Investigators looking into financing of Rabat property**". L-artiklu ġie miktub minn Saviour Balzan.

4. Is-seba' kawżi mxew flimkien peress li sostanzjalment jitrattaw l-istess tema u kif diġà ingħad qegħdin jiġu deċiżi llum kontestwalment. Għal kull bwon fini fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2023 l-avukati rispettivi kienu qablu illi x-xhieda kollha mressqa f'dawn il-kawżi għandhom japplikaw bħala provi f'kull waħda minnhom *mutatis mutandi.*

5. L-artiklu mertu tal-kawża odjerna jitratta t-temi segwenti:

- **Aġġornament dwar l-investigazzjonijiet fuq Edward Caruana:** L-artikolist jgħid li l-Pulizija qegħda tinvestiga s-sors tal-flus mħallsa minn Edward Caruana għall-bini tal-blokka t'appartamenti ġewwa r-Rabat, Għawdex. Ifakkar illi dan kien ġie appuntat bħala *procurement officer* fl-FTS mill-Ministru Bartolo u li allegatament kien involut personalment u aġixxa b'mod improprju fid-*direct orders* u *tenders* maħruġa mill-FTS. Jgħid illi l-investigazzjoni taf tinvolvi iżjed individwi u li l-Pulizija qed tanalizza l-istatements bankarji. L-artikolist jgħid ukoll illi l-Pulizija qed tinvestiga dwar jekk ċertu *tenders* tal-FTS kienux maħluqa apposta sabiex jiffavorixxu lil ċertu *suppliers.* Iżid jgħid illi Caruana kien involut personalment sabiex jgħaddi l-pagamenti mill-FTS lis-*suppliers* b'possiblita' illi kien jixxaħħam sabiex jgħaġġel il-ħlasijiet.

- **Ripetizzjoni tal-allegazzjonijiet ta' Rizzo:** L-artikolist ifakkar illi l-ex-CEO tal-FTS Philip Rizzo kien akkuża lil Edward Caruana li kien ixxaħħam u minħabba f'hekk kien spiċċa f'kunflitt mal-Ministru Bartolo tant li spiċċa biex irriżenja.

- **Sandro Ciliberti**: L-artikolist isemmi l-protest ġudizzjarju illi r-rikorrent Ciliberti kien għadu kemm ippreżenta l-Qorti kontra MaltaToday dwar ir-rapporti li għamlet fuq l-involviment tiegħu, liema rapport huwa ċaħad. Ifakkar illi skond informazzjoni li kellha l-MaltaToday, Edward Caruana kien ippropona lil Ciliberti bħala *middleman* lil *supplier* li kien tefa' offerta għal *tender* tal-FTS.

  Jgħid illi l-Pulizija qegħda tinvestiga diversi *business activities* tar-rikorrent (partikolarment wara l-isplużjoni tal-bomba barra r-residenza tiegħu) u jsemmi illi mill-2013 u partikolarment fl-2015 il-kumpaniji tar-rikorrent, Hangman u Al-Nibras rebħu diversi kuntratti pubbliċi u daħħlu żewġ miljun euro b'dawn it-*tenders.* Jgħid illi fil-bidu tal-2015 il-kumpaniji ta' Ciliberti rebħu 21 kuntratt billi ssottomettew offerti rħas għal numru ta' *tenders* pubbliċi. Jgħid ukoll illi l-irħas offerti kienu ikunu sottomessi minn dan iż-żewġ kumpaniji u mill-kumpanija L&A Camilleri, li hija ta' Piju Camilleri illi kien *henchman* tal-Ministru Lorry Sant. Jiżvela ukoll illi skond tweġiba tal-Ministru Bartolo għal mistoqsija parlamentari magħmula lilu, Al-Nibras u Hangman kienu *suppliers* maġġuri għal 36 skola tal-gvern.

- **Camillo Sirianni:** L-artikolist reġa rrepeta l-allegazzjoni illi t-*tenders* ħafna drabi kienu jiffavorixxu l-għamara ta' Camillo Siriani (minħabba *specifications* tad-disinn li kienu uniċi u li kienu rikjesti fit-*tenders*) u li l-kumpaniji tar-rikorrent Ciliberti kienu ħafna drabi jissottmettu l-irħas offerti. Żvela però illi f'ittra mibgħuta minn Camillo Siriani lil MaltaToday din qalet illi l-kumpanija m'għandha l-ebda importatur esklussiv fis-suq Malti u li fl-aħħar ħmistax-il sena hija kienet biegħet l-għamara tagħha lil xi għoxrin importatur u *retailers* fis-suq lokali. Fl-2015 biss hija kienet biegħet prodotti lil sitt kumpaniji Maltin differenti. Siriani sostniet ukoll fl-ittra tagħha illi l-prodotti tagħha kienu tal-iprem kwalita' skond kif rikjesti mill-FTS fit-*tenders* tagħha u li ma kellhom l-ebda disinn esklussiv.

6. Fit-23 ta' Jannar 2017 ir-rikorrent ippreżenta nota b'kopja tal-pubblikazzjoni lamentata[6].

**Provi**

7. Fit-3 ta' Marzu 2017 ġiet ippreżentata nota mir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali b'ċertifikat anness[7], maħruġ minn **Paul Azzopardi** fil-vesti tiegħu ta' Reġistratur tal-Istampa, ai termini tal-Art. 52 tal-Kap. 248[8], li permezz tagħha ddikjara illi:

   > **"l-editur reġistrat tal-gazzetti *Maltatoday* u *Maltatoday Midweek* fix-xahar ta' Dicembru 2016, kien is-Sur Saviour Balzan (Karta ta' Identita numru 127263M)"**

8. Fis-16 ta' Marzu 2017 ġie ippreżentat l-*affidavit* tar-rikorrent **Sandro Ciliberti**[9] liema *affidavit* jitratta l-allegazzjonijiet kollha li tqajjmu kemm f'din il-kawża u kemm fil-kawżi li ser jiġu deċiżi kontestwalment. Fost oħrajn qal is-segwenti:

   - Huwa kien maħsud bit-titolu tal-artiklu u meta qrah mill-ewwel induna li l-allegazzjonijiet kienu skorretti, foloz u malafamanti.

---

[6] Fol 7-12
[7] Fol 15-16 tal-proċess tal-kawża bin-numru 315/2016
[8] Art. 52: 'F'kull proċeduri quddiem xi qorti ... ċertifikat maħruġ u ffirmat mir-Reġistratur li juri min huwa, jew min f'xi żmien kien l-editur, jew ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni ta' xi gazzetta ... ikun prova tal-kontenut tiegħu sakemm ma jiġix pruvat il-kuntrarju.'
[9] Fol 19-25 tal-proċess tal-kawża bin-numru 315/2016

- Huwa rrefera għat-tlett "suġġerimenti" li saru mill-artikolist fil-pubblikazzjoni mertu tal-kawża odjerna u ċioe illi:

    i. Kull min rebaħ *tender* tal-FTS kellu jgħaddi mingħandu u dan peress li kellu *"certificate of design"*.

    F'dan ir-rigward, ir-rikorrent qal li ma kienx veru li l-għamara rikjesta fis-sejħiet pubbliċi tal-FTS kellhom xi *specifications* partikolari li kienu jirreferu għal għamara manifatturata mid-ditta Taljana (li fl-artikli l-oħra suġġett tal-kawżi konnessi ġiet identifikata bħala *Camillo Sirianni srl*), li skond l-artikolist kienet rappreżentata f'Malta b'mod esklussiv minnu. Anzi, skond ir-rikorrent kienet il-MaltaToday stess illi qalet illi t-*tender specifications* relatati mal-għamara intiża għall-iskejjel lokali ilhom fissi għal diversi snin u li dawn huma maħruġa mill-Malta Standards Authority u jirriflettu *standards* Ewropej. Inoltre skond ir-rikorrent l-prodotti ta' diversi manifatturi tal-għamara għall-iskejjel jaderixxu ma' dawn l-*istandards*.

    ii. Huwa jirrappreżenta b'mod esklussiv f'Malta lil xi fornitur Taljan li jipproduċi għamara li ġġorr dan is-*"certificate of design".*

    F'dan ir-rigward ċaħad illi hu jew xi kumpanija tiegħu jirrappreżentaw b'mod esklussiv lil xi ditta Taljana. Huwa għamel riferenza għad-dikjarazzjoni ta' ċaħda li ġiet ippubblikata fl-istess ġurnal mill-kumpanija (li fl-artikli l-oħra suġġett tal-kawżi konnessi ġiet identifikata bħala *Camillo Sirianni srl.*) in kwistjoni, bħala *right of reply.* Ir-rikorrent saħaq ukoll illi bil-maqlub ta' dak allegat, kien hemm diversi kumpaniji Maltin illi akkwistaw merkanzija minn din id-ditta Taljana u fornewhom lill-FTS.

    iii. Huwa kien qiegħed jiġi jew kien ser jiġi investigat mill-Pulizija.

    F'dan ir-rigward saħaq li huwa qatt ma ġie interrogat jew avviċinat mill-Pulizija jew minn xi aġenzija oħra.

- Huwa sostna ukoll illi la hu u lanqas il-kumpaniji tiegħu m'għandhom jew kellhom relazzjoni mal-kumpanija L&A Camilleri Ltd jew mal-membri tal-familja Camilleri inkluż Piju Camilleri. Huwa ħass illi Balzan kien qed

jimplika li huwa kellu xi rabtiet ma' persuna deskritta bħala *"a henchman of the late, notorious Labour Minister Lorry Sant"* u jqis din l-implikazzjoni bħala malafamanti u ngurjuża. Qal ukoll illi l-familja Camilleri stess, tramite l-avukat tagħha, kienet ħarġet *right of reply* illi permezz tagħha ddikjarat illi hija qatt ma ħadet *tenders* mingħad l-FTS u li ma kellhom xejn x'jaqsmu mar-rikorrent.

- Huwa ċaħad ukoll l-allegazzjoni illi l-orħos offerti kienu ikunu dejjem tal-kumpaniji tiegħu Al-Nibras u Hangman Limited (li isimha nbidel għal Cominology Limited) u in sostenn huwa esebixxa skeda (Dok SC1) flimkien ma' *Schedule of Tenders* in konnessjoni mat-*tenders* li pparteċipaw fihom dawn il-kumpaniji u li juru li dan ma kienx il-każ. Sostna illi din l-informazzjoni hija pubblika u faċilment aċċessibbli minn fuq is-sit elettroniku tal-FTS.

- Ir-rikorrent elabora ukoll fl-*affidavit* tiegħu dwar il-bomba li tpoġġietlu ħdejn ir-residenza tiegħu. Huwa qal illi dan l-avveniment ħoloqlu disaġju u ansjeta kbira u li r-riferenza għal tali avveniment fil-kuntest tal-allegazzjonijiet libellużi miktuba kontrih ta' korruzzjoni u rabtiet ma Edward Caruana kienu barra minn lokhom u rrekawlu ħsara. Qal ukoll illi minkejja l-protest ġudizzjarju li kien intavola kontra l-intimati wara l-pubblikazzjoni tal-ewwel artikolu, dawn: "ittentaw jiggustifikaw rwiehom billi allegaw illi jiena kont ser nigi investigat mill-pulizija b'rabta mal-allegazzjonijiet fir-rigward ta' Edward Caruana u li wara l-bomba li tqegħdet wara l-propjeta' tiegħi u kkaġunat ħsara konsiderevoli lill-proprjeta tiegħi l-pulizija kienet qegħda tinvestiga "*the scale of public tenders clinched by Ciliberti's company*"

- Sostna illi jqis li l-artikoli in kwistjoni kienu "assassinju indebitu u mhux mistħoqq tal-karattru" tiegħu u li kien evidenti illi "l-artikolisti strahu fuq dak li ntqal lilhom mill-'complainant' - se mai hekk qeghdin jallegaw - u minghajr ma ghamlu l-iċken indaġini u verifika indipendenti għażlu li bil-kitba tagħhom jagħmlu allegazzjonijiet foloz, jillibellaw, jimmalafamaw u jnaqqsu r-reputazzjoni" tiegħu.

- Huwa għalaq l-*affidavit* tiegħu bis-segwenti kliem:

> "Fl-aħħarnett ngħid ukoll illi nhar il-21 ta' Diċembru 2016 kont ħriġt stqarrija għall-istampa tramite l-avukat tiegħi. B'risposta għal dan il-ġurnal Malta Today għoġbu jippublika artikolu ieħor bl-isem "FTS supplier attempts to silence MaltaToday with criminal and civil defamation suits" fejn saħanistra l-ġurnal jiċħad li l-persuna li magħha

tkellmet - u ċioe il-"complainant" jew "tenderer" kienet Janice Spiteri tad-ditta Immagine Casa meta dan huwa ferm evidenti. Saħansitra l-artikolu jiċħad illi l-ġurnal MaltaToday kien għamel dawk id-dikjarazzjonijiet li ssemmew fl-istqarrija għall-istampa meta dan kollu huwa iswed fuq l-abjad. Il-proċeduri li jiena tajt struzzjonijiet li jiġu intavolati ma kienux intiżi 'to silence' iżda sabiex issir ġustizzja fil-konfront tal-allegazzonijiet skorretti, inveritiera, libellużi u malafamanti li Saviour Balzan, Matthew Vella, Tim Diacono u Miriam Dalli għoġobhom jiktbu u jippublikaw bi preġudizzju serju għalija u għan-negozju tiegħi."

9. Fis-16 ta' Marzu 2017 xehed **Samuel Dimech**[10], *Quantity Surveyor* u *draftsman* fi ħdan l-FTS. Dan tela jixhed wara li s-CEO tal-FTS kien ġie imħarrek sabiex jixhed dwar is-*specifications* tal-għamara tal-iskejjel fit-*tenders* li nħarġu mill-FTS fl-2015/6. Huwa spjega fost oħrajn illi:

- dawn is-*specifications* ilhom jeżistu mill-2004, kienu ħadmuhom inġiniera jew periti u huma aċċessibbli għal nies tekniċi mis-*server* intern tal-FTS,

- xogħolu kien illi jipprepara d-*drawings* għat-*tenders* (inkluż għal għamara meħtieġa), iħejji il-*bills of quantities* ossia jikkwantifika x-xogħol u l-materjal li jkun hemm bżonn u jkejjel dak ix-xogħol li jkun sar sabiex isir il-pagament, u jgħaddihom lill-Periti.

- sas-sena 2013/2014 huwa kien jgħaddi d-dokumenti f'dak li għandhom x'jaqsmu s-*specifications* lill-Periti u imbagħad dawn kienu jagħżlu x'tip ta' għamara ikun hemm bżonn.

- mill-2013/2014 dan il-proċess ġie mibdul fis-sens illi l-periti kienu jibqgħu *on site* u kienu ikunu d-*draftsmen* (inkluż hu) illi *"jippikkjaw"* is-*specifications.* Mitlub jiċċara dan il-punt huwa kkjarifika illi filwaqt li s-*specifications* kienu responsabilta' tiegħu, madanakollu dawn ma kienx joħloqhom hu imma kien jeħodhom mis-*server* intern tal-FTS. Is-*specifications* kienu ilhom mħejjija mill-2004 u filfatt kemm il-darba kien jingħad diskors mid-*draftsmen* illi kien wasal iż-żmien sabiex dawn jiġu emendati.

[10] Fol 77-102 tal-proċess tal-kawża bin-numru 315/2016

- ix-xhud esebixxa s *specifications* tal-għamara tal-klassijiet li kienu applikabbli fl-2015 u 2016 sewwasew fil-*bills of quantities* għal għamara li kienet meħtieġa f’numru ta’ skejjel (Dok SD2, SD3). Dawn kienu skond l-*istandard* Ewropew MSA EN 1729[11].

- ix-xhud ikkonferma għal darba darbtejn li kien hu li jieħu s-*specifications* mis-*server* intern tal-FTS u kien jallegahom mat-*tender documents*. F’Dok SD3 l-unika tibdil li kien hemm mis-*specifications* elenkati f’Dok SD2 kienu biss li żied l-element ta’ *modesty panels* peress illi dak iż-żmien l-iskejjel pubbliċi saru *co-ed* ossia’ bdew jilqgħu fihom kemm subien u bniet.

10. Fis-16 ta’ Marzu 2017 ukoll ir-rikorrent ippreżenta nota b’estratt mill-gazzetta *MaltaToday*[12] sabiex wara n-nota tat-3 ta’ Marzu 2017 ippreżentata mir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali (biċ-ċertifikat maħruġ mir-Reġistratur tal-Istampa li jgħid li Saviour Balzan kien l-editur reġistrat tal-gazzetti Maltatoday u Maltatoday Midweek fix-xahar ta' Dicembru 2016) juri illi fiż-żmien in kwistjoni l-ġurnal kien jindika lil Saviour Balzan bħala Managing Editor u lil Matthew Vella bħala Executive Editor. Il-Qorti sejra telabora iktar dwar dan il-punt fid-deċiżjoni tagħha dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati, iktar ‘l quddiem f’din is-sentenza. Ta’ min jgħid illi fil-kawża bin-numru 320/2016 (kawża miftuħa kontra Tim Diacono u Matthew Vella) u fil-kawża bin-numru 321/2016 (kawża miftuħa kontra Miriam Dalli u Matthew Vella) il-Qorti kienet permezz ta’ digrieti datati 22 ta’ Novembru 2018[13] ċaħdet ukoll talba tar-rikorrent sabiex jiġi kjamat in kawża Saviour Balzan (magħmul b’rikorsi separati ippreżentati fis-6 ta’ Ġunju 2018[14] u 1 ta’ Novembru 2018[15] rispettivament) peress li fil-fehma tagħha tali talba saret sabiex tissana nuqqas illi sar mir-rikorrent fejn huwa indika lil Matthew Vella bħala editur minflok ma ħarrek lil Saviour Balzan f’dik il-kapaċita, liema fatt messu kien jaf meta ppreżenta r-rikors promotur.

11. Fis-27 ta’ Novembru 2017 xehed l-**Ispettur Rennie Stivala**[16] li spjega fost oħrajn:

---

[11] L-*istandard* Ewropew f’dak li għandhom x’jaqsmu *specifications* tal-għamra tal-iskejjel huwa filfatt BS EN 1729
[12] Fol 15-15A
[13] Fol 76 tal-proċess tal-kawża bin-numru 320/2016 u Fol 87b tal-proċess tal-kawża bin-numru 321/2016
[14] Fol 70B tal-proċess tal-kawża bin-numru 320/2016
[15] Fol 80 tal-proċess tal-kawża bin-numru 321/2016
[16] Fol 131-133 tal-proċess tal-kawża bin-numru 315/2016

- illi huwa (flimkien mal-ex Spettur Sean Scicluna) kien involut fl-investigazzjonijiet relattivi in konnessjoni mat-*tenders* li kienu jingħataw mill-FTS bl-involviment ta' Edward Caruana,

- illi sa fejn jiftakar hu, huwa qatt ma kien kellem lir-rikorrent Ciliberti in konnessjoni ma' dawn l-investigazzjonijiet, però ma setax jeskludi li xi ħadd min-nies tiegħu kien kellmu fil-proċess tal-ġbir tal-informazzjoni,

- illi tali investigazzjonijiet kienu wasslu għal proċeduri penali fil-konfront ta' Edward Caruana li fiż-żmien li xehed, kienu għadhom pendenti.

12. Meta l-istess xhud reġa' tela jixhed fis-seduta tal-5 ta' Frar 2018[17] huwa spjega *inter alia* illi:

- fir-rigward tat-talba sabiex jagħti informazzjoni dwar jekk kienx hemm xi investigazzjonijiet fuq ir-rikorrent li setgħu saru minn uffiċjali oħra tal-Pulizija, huwa kien talab lis-segretarja tal-Kummissarju tal-Pulizija sabiex tagħtih din l-informazzjoni. Madanakollu r-risposta li waslitlu kienet illi din ma kienetx tirrikjedi tfittxija sempliċi billi l-Korp ma kellux *database* ċentralizzata dwar l-investigazzjonijiet li jkunu qed isiru.

- It-talba trid issir lill-Kummissarju tal-Pulizija li imbagħad jagħmel rikjesta lill-uffiċjali kollha tal-Korp sabiex jagħtu informazzjoni f'dan ir-rigward, liema informazzjoni imbagħad tiġi miġbura u ppreżentata l-Qorti.

- Ix-xhud spjega ukoll illi t-tfittxija kienet min-natura tagħha kumplessa partikolarment għaliex it-talba kienet dwar jekk qattx saret xi investigazzjoni fil-konfront tar-rikorrent u mhux jekk dawn kienx qatt tressaq. Fil-każ ta' investigazzjonijiet, jista' jagħti l-każ illi ħadd ħlief l-uffiċjal li jkun qed jinvestiga ma jkun jaf (apparti s-*superjuri* tiegħu). Għalhekk l-Kummissarju kien jeħtieġlu li jgħaddi talba għal informazzjoni bħal din lill-uffiċjali kollha tal-korp.

[17] Fol 135-136 tal-proċess tal-kawża bin-numru 315/2016

13. Fis-27 ta' Novembru 2017 xehed l-intimat **Saviour Balzan**[18] li huwa wieħed mill-intimati fil-kawżi kollha (inkluż dik odjerna) apparti l-kawżi bin-numru 320/2016 u 321/2016. Dan spjega fost oħrajn:

- Illi l-pern tal-artikli kien illi r-rikorrent kien, bl-involviment ta' Edward Caruana, a konoxxjenza ta' ċertu informazzjoni li kien jużaħa biex jiftiehem ma nies li jkunu tefgħu l-offerti għal *tenders* maħruġa mill-FTS.

- Dwar riċerka li saret biex saru l-artikli in kwistjoni huwa stqarr li din kien għamilha ma sorsi li jorbot fuqhom, uffiċjali eżekuttivi kif ukoll mad-Dipartiment tal-Kuntratti u persuni li kienu jaħdmu fil-Ministeru tal-Edukazzjoni.

- Mistoqsi dwar kif seta' jissostanzja l-allegazzjoni illi s-*certification of design* kwotata fit-*tenders* kienet provduta biss minn *supplier* Taljan li kien jaħdem b'mod esklussiv mar-rikorrent huwa qal illi huwa kien ser itella' s-sors tiegħu ta' din l-informazzjoni sabiex jixhed u jivverifika dak li ġie ppubblikat.

- Mistoqsi dwar jekk hu kienx ivverifika din l-informazzjoni personalment huwa wieġeb illi huwa qagħad fuq dak li ġie żvelat lilu u li qabel ma ppubblika l-artikli huwa kien ġie aċċertat mis-sors li jitla' jixhed il-Qorti meta jiġi l-waqt. Stqarr ukoll illi kien ġabar informazzjoni minn persuni u ditti oħra li pero' qalulu li ma kienux lesti jitilgħu jixhdu minħabba biża ta' riperkussjonijiet.

- Mistoqsi qattx kien kellem lir-rikorrent qabel ma ħareġ bl-artikli huwa wieġeb hekk:

  > "Le, jien Sandro Ciliberti harist lejn il-life history tieghu u f'dak li ghandu x'jaqsam ma', kif inhu involut f'hafna negozji varji, harist lejn dawn u le, ma approachjajtux. Ivverifikajt ma' terzi persuni dwar dawn l-episodji partikolari, fosthom il-fatt li Edward Caruana, it-tragedja tieghu li jixxahham hi maghrufa ma' hafna nies li kienu dejjem siekta u qatt ma riedu jitkellmu."

- Mistoqsi jekk qattx kien tkellem mad-ditta Taljana Camillo Siriani srl huwa wieġeb fin-negattiv. Però qal ukoll illi:

[18] Fol 120-130 tal-proċess tal-kawża bin-numru 315/2016

'Ahna fil-gurnalizmu, meta jkun hemm xi hadd jghid xi haga, jghid per ezempju hemm washing machine ta' money laundering. Ahna nirraportawh. **<u>Mhux necessarjament dak li jkun qed jghid ikun minnu jew le, ahna nirraportawh</u>** (sottolinear u emfażi magħmulha mill-Qorti). Issa jiena irraportajt u jiena qed nghidlek dak kollu li ktibt, jien lest li ntella' s-sors biex jixhed d'al-kuntest. Rigward Siriani le, jien ma ktibtlux, imma Siriani kien hemm korrispondenza mal-gazzetta, liema korrispondenza giet ippubblikata jekk mhux sejjer zball fil-gurnal, ma niftakarx id-data partikolari'

- Dwar l-allegazzjoni illi "investigators have only recently been made aware of the Ciliberti link and will be investigating further" huwa tenna illi kien hemm każijiet oħra fejn ir-rikorrent kien ġie investigat fosthom inċidenti fi grawnd tal-futbol, l-inċident tal-bomba u t-*tender* ta' Kemmuna. Huwa insista illi b'daqshekk ma kienx qed jgħid li Ciliberti kien ħati ta' xi ħadd iżda l-kelma "investigazzjoni" użaha f'sens wiesa' u modern. Tenna li anke hu nnifsu kemm il-darba kien ġie investigat.

- Dwar l-allegat familjarita' li kien qal li teżisti bejn ir-rikorrent Ciliberti u Edward Caruana, l-intimat qal illi f'seduta oħra kien ser jesebixxi *e-mail* li ntbagħtet minn persuna li kienet a konoxxjenza ta' din il-familjarita.

14. Meta l-istess xhud reġa' tela jixhed fis-seduta tal-5 ta' Frar 2018[19], il-Qorti diversement presjeduta qabel xejn ordnat id-divjet mill-pubblikazzjoni ta' isem is-sors li jidher mid-dokumenti li esebixxa x-xhud u awtorizzatu ukoll jingassa isem dan is-sors mill-istess dokumenti. Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax però illi minkejja dan id-divjet, dan l-isem ġie żvelat kemm mir-rikorrent fl-*affidavit* tiegħu u kif ukoll minn Christopher Farrugia (xhud imressaq mill-intimati) fl-affidavit tiegħu (fejn l-isem tas-sors jidher ċar minkejja li suppost kien ġie ingassat) fejn inoltre id-dokumenti in kwistjoni ġew saħansitra *scanned* u magħmula aċċessibbli għall-avukati u professjonisti legali oħra (proċess li isir għal kull att ġudizzjarju li jiġi ppreżentat fil-kors ta' proċeduri ċivili) apparti li appena ġew preżentati kienu aċċessibbli għal pubbliku billi kienu fil-proċess li kien qed jiġi miżmum mal-proċessi l-oħra fir-Reġistru tal-Qorti. L-isem tas-sors ġie żvelat ukoll fil-kontroeżami li sar lil Christopher Farrugia fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2023. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti llum stess u qabel ma ħarġet din is-sentenza ddegretat ukoll ir-revoka *contrario*

[19] Fol 137-149 tal-proċess tal-kawża bin-numru 315/2016

*imperio* tad-digriet li permezz tiegħu kien ġie ordnat id-divjet mill-pubblikazzjoni tal-isem in kwistjoni billi ma kienx jagħmel sens li dan id-divjet jibqa' fis-seħħ.

15. Intant, fix-xhieda tiegħu tal-5 ta' Frar 2018 u wara li esebixxa d-dokumenti li juru parti minn *thread* ta' *emails*[20], l-intimat **Saviour Balzan** spjega *inter alia*:

- illi dawn juru tlett *emails* datati 21 ta' April 2015, 6 ta' April 2015 u 4 ta' April 2015,

- fi kliemu: "*kien hemm tender... ghal ghamara tal-iskejjel ...Siggijiet, imwejjed, eccetra, eccetra. Dil-persuna li ttenderjat tahdem ukoll ma' persuna ohra. Ftit wara li gie prezentat it-tender, din il-persuna, il-persuna li huwa s-sors tal-informazzjoni giet approachjata minn Dwardu Caruana ... dak iz-zmien kien responsabbli mill-procurement tal-FTS. Dwardu Caruana nfurmah u qallu ara, intom gejtu l-irhas, tistghu tirbhu t-tender, imma ara, ghandkom problema daqxejn f'zewg items, two to three items. Qallu jien nissuggerixxi li tkellem habib tieghi qalli u dan il-habib ikellmek u jista' jghinek f'dawn il-prodotti partikolari. Dil-persuna, il-habib ta' Dwardu kien Sandro Ciliberti ... u din il-persuna is-sors, iltaqa' ma' Sandro Ciliberti. U Sandro Ciliberti, meta ltaqa' mieghu kellu t-tender document tieghu bil-prezzijiet tieghu u qallu, qallu, ha nghidlek, jien ghandi kuntratt, jien ingib l-ghamara lin-nies li jirbhu t-tenders tal-iskejjet eccetra, eccetra, qallu jien nissuggerixxi li tixtri minghandi. Li gara huwa li litteralment dil-persuna qabdet u kitbet lil dan it-Taljan li hemm... li hu msemmi, certu Francesco Siriani u ovvjament hemm it-threads of email Sandro Ciliberti, dil-persuna kif ukoll il-kuntatt ta' Francesco Siriani bin-number, u ovvjament imbaghad Francesco Siriani baghat dan id-dokument li qed tara bid-dettalji tal-prezzijiet tal-imwejjed, tad-desks, tar-revolving chairs, imsomma, hemm imnizzel kollox, il-prezzijiet kollha. Wahda minnhom hija ta' xi ninety one thousand, imbaghad ovvjament kull trailer, two thousand five hundred, u l-ohra eighteen thousand, nine hundred and fourty four u kull trailer two thousand five hundred. Imsomma, eccetra eccetra. Is-sors tieghi f'dan il-punt diga' kien qed ixomm hemm numru ta' affarijiet li gia' xehdt dwarhom fis-seduta li ghadda, u nista' nghaddi biex naghti aktar dettalji fis-seduti li jmiss fuq certi sekwenza ta' xi affarijiet. Dan is-sors, bazikament ghamel kuntatt mal-Ministru tal-Edukazzjoni. Hemm email hemmhekk miktuba, miktuba lil Evarist Bartolo, qallu hekk, hekk u hekk. Spjega s-sekwenza tal-affarijiet. Dwardu Caruana ikkuntattja lili, hekk, hekk u hekk, iltqajna ma' Sandro Ciliberti u bazikament imbaghad tah, baghtlu l-attachment bit-thread of emails, the below is disgusting.*"

---

[20] Fol 144-149 tal-proċess tal-kawża bin-numru 315/2016

- Mistoqsi dwar jekk personalment kienx jaf b'xi relazzjoni amikevoli bejn ir-rikorrent u Edward Caruana, l-intimat wieġeb li dawn kienu *good acquaintances* u li huwa sar jaf b'dan minn dak li qallu s-sors. Qal ukoll illi dan il-fatt ġie ammess min Edward Caruana nnifsu fil-Qorti fil-proċess tal-proċeduri penali li kienu pendenti kontrih.

16. Fil-5 ta' Frar 2018 xehed **Tim Diacono**[21], li huwa wieħed mill-intimati fil-kawża 320/2016 (iżda mhux fil-kawżi l-oħra inkluż dik odjerna). Huwa qal fost oħrajn:

- Illi qabel ma kiteb l-artiklu in kwistjoni huwa qatt ma kien kellem lir-rikorrent Ciliberti apparti li jista' jkun li kien bagħtlu xi *email.*

- Huwa ġie muri l-artiklu in kwistjoni partikolment il-bran li jgħid is-segwenti "The complainant told Caruana that the certification of design quoted in the tenders prohibited any other company from providing the furniture that was being requested because the particular certificate. Certified furniture was provided only by the Italian supplier working exclusively with Sandro Ciliberti." Meta ġie mistoqsi jekk hu kienx ivverifika mad-ditta Taljana in kwistjoni l-allegazzjoni magħmula minnu qabel ma ħareġ bl-artiklu, Diacono wieġeb illi huwa qagħad fuq l-informazzjoni miġbura mill-intimati Saviour Balzan u Matthew Vella u straħ fuq is-sors tagħhom. Ha la kien kellem lill-FTS u lanqas lir-rikorrent. Huwa kien għamel xi mistoqsijiet personalment lill-Ministru Bartolo meta kien ġewwa l-Mosta, fil-kuntest tal-artikli li kienu qegħdin jiġu ppubblikati *inter alia* dwar ir-rikorrent, u l-artiklu jinkludi xi tweġibiet li kienu sarulu mill-Ministru.

17. Fit-23 ta' April 2018 xehdet **Miriam Dalli**[22], li hija waħda mill-intimati fil-kawża 321/2016 (iżda mhux fil-kawżi l-oħra inkluż dik odjerna). Hija qalet fost oħrajn:

- Illi qabel ma kitbet l-artiklu in kwistjoni hija qatt ma kienet kellmet lir-rikorrent Ciliberti u lanqas ma kellmet lid-ditta Taljana.

- Qalet li l-*lead journalist* wara l-istorja in kwistjoni kien l-intimat Saviour Balzan.

[21] Fol 150-156 tal-proċess tal-kawża bin-numru 315/2016
[22] Fol 158-160 tal-proċess tal-kawża bin-numru 315/2016

- Fir-rigward ta' dak li ġie allegat bħala *certification of design* uniku, hija qalet illi qatt ma kienet rat id-dokument imsemmi.

18. Fit-23 ta' April 2018 ġiet ippreżentata nota[23] mir-rikorrent b'kopja ta' protest ġudizzjarju li kien ippreżentat minnu u mill-kumpanija Al-Nibras for Science & Technology Limited (C37110) fis-7 ta' Diċembru 2016 kontra Media Today Co. Limited, Saviour Balzan (proprio u bħala *Managing Editor* tal-MaltaToday) u Matthew Vella (bħala *Executive Editor* tal-MaltaToday). Dan il-protest li jġorr in-numru uffiċjali 421/2016 kien ġie ippreżentat b'reazzjoni għall-pubblikazzjoni li dehret il-Ħadd 4 ta' Diċembru 2016 (mertu tal-kawża bin-numru 315/2016). Għal kull bwon fini mill-atti jirriżulta illi dan il-protest ma kienx ġie notifikat lil Media Today Co. Limited u lil Saviour Balzan iżda kien ġie notifikat lil Matthew Vella.

19. Fis-6 ta' Ġunju 2018 ir-rikorrent ippreżenta rikors[24] b'talba sabiex il-kliem segwenti fil-korp tar-rikors promotur ossia l-kliem *"ta' liema ġurnal il-konvenut Matthew Vella huwa l-editur"* jiġu sostitwiti bil-kliem "*ta' liema ġurnal il-konvenut Saviour Balzan huwa l-editur".* Il-Qorti laqgħet it-talba permezz ta' digriet mogħti fil-25 ta' Ottubru 2018. Il-Qorti għamlet l-istess fil-kawżi konnessi kollha għajr għall-kawża bin-numru 320/2016 u għall-kawża bin-numru 321/2016 fejn b'digrieti datati 25 ta' Ottubru 2018[25] u 15 ta' Ottubru 2018 rispettivament, ċaħdet it-talba.

20. Fl-4 ta' Novembru 2019 xehed l-**<u>Assistent Kummissarju Ian Abdilla</u>**. Dan qal *inter alia* illi:

- fid-dipartiment tiegħu (ossia il-Financial Crimes Investigations Department) r-rikorrent qatt ma ġie investigat bħala suspettat. Seta' ġie mitkellem jew intalab jingħata informazzjoni iżda qatt ma kien involut f'xi investigazzjoni bħala suspettat. Huwa kien bagħat lill-Ispettur Rennie Stivala sabiex jixhed f'din il-kawża peress illi kien l-Ispettur involut fil-każ ta' Edward Caruana li eventwalment kien tressaq il-Qorti.

- Huwa qatt ma ra lir-rikorrent u sema bih biss għax jaf li kienu għamlulu bomba barra d-dar tiegħu.

---

[23] Fol 164-166 tal-proċess tal-kawża bin-numru 315/2016
[24] Fol 73
[25] Fol 70A tal-proċess tal-kawża numru 320/2016

21. Fit-28 ta’ Settembru 2020 ġie ippreżentat mill-intimati l-affidavit ta’ **Christopher Farrugia**[26]. Dan qal is-segwenti:

> “Between January and June 2015, I was participating in FTS tenders for furniture together with a Turkish supplier who supplies most of this type of furniture in Germany…It was brought to my attention from the said supplier that the furniture models which FTS were demanding were obsolete in Europe and only a couple of manufacturers were still producing these designs to 3rd world countries…After participating in approximately 15 bids and had an advantageous price in 3 of them, I was contacted by Mr. Edward Caruana from FTS. He told me that although I am in an advantageous position in pricing, he suggested that I should meet one of the competitors in these bids, to discuss how one can work together…A few minutes after that call I was contacted by Mr. Sandro Ciliberti who asked me to meet him at his office in Burmarrad…The meeting was held on a Monday at Mr. Ciliberti's office. Mr. Ciliberti started the meeting by stating that if I want to succeed in these bids, I needed to use his suppliers' furniture, as the FTS drawings are from his supplier…He then called Mr. Francesco Sirianni (00393351260572) in my presence and informed him that he was with me. He explained to me that Sirianni is ready to give me supplies for the bids I was shortlisted for…Mr. Francesco Sirianni explained to me that they are the only manufacturer of the designs FTS is asking in the bid and if I wanted to succeed I had to purchase the goods from him…After this call Mr. Ciliberti handed over to me the quotes for the 3 bids and I asked what is in for him if I use his supplier. He answered that he would be taking his percentage, which was not specified…Before leaving the meeting I asked Mr. Ciliberti to send me a copy of the quote by email and the contact details of Mr. Sirianni, which he did right away…When I went through the prices I realised that if I had to use Mr. Sirianni's furniture I would have worked for almost no profits…In the meantime I had called the FTS CEO at the time and told him about the incident and he suggested that I should have a meeting with the Minister's permanent secretary…In the meantime I was disqualified in the bids because my suppliers drawings didn't match the specs of FTS…In May, 2015 I had a meeting with the Permanent secretary Mr. Caruana, who coincidentally happened to be the brother of Mr. Edward Caruana, who surprisingly was also present at the meeting…I had catalogues to show the new standards in Europe but this was all in vain as all excuses that anyone would think of were uttered and trying to convince me that nothing was wrong and that everything was done correctly…Later I also had a call from Ciliberti telling that he knew that I had complained and that he told me that I would never win a bid, which in fact I never did…Enclosed please also find a list of emails and quotes.”

[26] Fol 185-187 tal-proċess tal-kawża bin-numru 315/2016

22. Meta l-istess xhud ittella' jixhed in kontroeżami fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2023[27] huwa *inter alia* stqarr is-segwenti:

- mistoqsi x'relazzjoni kellu fiż-żmien relattiv ma' Janice Spiteri huwa qal li kien qed jidher għall-kumpanija tagħha bħala rappreżentant u *supplier* . Huwa kellu *supplier* it-Turkija u kien jagħmel il-proċess tat-*tendering* mas-*supplier* għan-nom ta' Janice Spiteri.

- Huwa qal li s-*specifications* tal-għamara li kienet ittenderjat biha Janice Spiteri ma kiekux in konformita' ma' dawk mitluba mill-FTS minħabba li dawn kienu skaduti (*obsolete*) b'xi ħmistax-il sena. Pero' l-għamara offruta minn Spiteri kienet konformi mal-*istandards* Ewropej.

- Ikkonferma li kien Edward Caruana li kien ċempillu u mhux viċi-versa. Dan kien qallu li fi tlett offerti (minn diversi) li kien issottometta, il-prezz offrut kien wieħed vantaġġjuż iżda kien jeħtieġ li jiltaqa' ma *supplier* ieħor. Caruana ma qallux ir-raġuni għalfejn kellu jagħmel hekk iżda ftit wara kien ċempillu r-rikorrent Ciliberti u ftehmu li jiltaqgħu.

- Fir-rigward ta' dak li qal fil-ħames paragrafu tal-*affidavit* tiegħu u ċioe illi "the meeting was held on a Monday at Mr Ciliberti's office. Mr. Ciliberti started the meeting by stating that if I want to succeed in these bids, I needed to use his suppliers' furniture, as the FTS drawings are from his supplier", ix-xhud ġie mistoqsi jekk hux il-każ illi filfatt ir-rikorrent ma kienx qallu dawk il-kliem imma kien qallu biss illi l-għamara li kien jipparteċipa biha fit-*tenders* kienet in konformita' mar-rekwiżiti tagħhom b'differenza għall-għamara offerta mix-xhud. Għal din il-mistoqsija x-xhud wieġeb li d-diskors ma kienx hekk.

- Fir-rigward ta' dak li kien qal fis-sitt paragrafu tal-*affidavit* tiegħu ossia illi "he then called Mr Francesco Siriani in my presence and informed him that he was with me. He explained that Siriani is ready to give me supplies for the bids that I was shortlisted for", ix-xhud ġie mistoqsi kienx qed jippretendi li jbiddel l-offerta tiegħu b'għamara oħra ġaladarba dan l-inkontru kien allegatament seħħ wara li ġiet sottomessa l-offerta tiegħu. Ix-xhud wieġeb li ma kien qed jippretendi xejn u filfatt qas kompla bil-proċess tat-*tenders*. Huwa qal illi kull

[27] Fol 240-247 tal-proċess tal-kawża bin-numru 315/2016

min huwa fin-negozju ma jagħlaq il-bibien lil ħadd u għalhekk huwa kien mar għal laqgħa biex ikun jaf x'kellu f'moħħu li jgħidlu r-rikorrent Ciliberti.

- Ftit iktar tard pero x-xhud ikkonferma li l-offerta kienet intefgħet minnu għan-nom ta' Janice Spiteri u li huma kienu ġew skwalifikati.

- Dwar dak li qal fil-paragrafu numru erbatax tal-*affidavit* tiegħu u ċioe dwar il-laqgħa tiegħu mas-Segetarju Permanenti Joseph Caruana huwa qal illi matul il-laqgħa huwa mar jiċċara l-affarijiet u ċioe illi l-FTS għandha tirregola ruħha ma *specifications* u *standards* moderni. Tenna li dawn ma kienux jibbenefikaw lis-*supplier* tiegħu biss iżda peress li kienu *standards* Ewropej kienu jibbenefikaw lil kulħadd.

- Huwa kkonferma u reġa qal ukoll dak illi kien qal fl-*affidavit* tiegħu u ċioe illi meta ltaqa mar-rikorrent Ciliberti dan kien qallu li jekk ried jagħmel provvista ta' għamara lil FTS huwa kellu jieħu prodotti mis-*supplier* tiegħu u dan "ovvjament ghax id-drawings tas-supplier tieghu kienu drawings tal-FTS"

23. Fis-16 ta' Mejju 2022 xehed **Edward Caruana** prodott mill-intimati fejn dan *inter alia* qal hekk:

- Huwa kien *head* tas-*Summer Projects* u *Maintenance Division Unit* fi ħdan l-FTS. Ix-xogħol tiegħu kien illi jara illi jsir progress fix-xogħolijiet intensivi li kienu jsiru fir-rigward tal-*manteniment* tal-iskejjel matul ix-xhur tas-Sajf.

- Huwa ċaħad li qatt kellu xi rwol fil-*procurement* jew *tendering* fi ħdan l-FTS.

- Huwa daħal impjegat mal-FTS fl-2013 u għalkemm fiż-żmien li xehed kien għadu impjegat, huwa kien sospiż minħabba proċeduri penali pendenti fil-konfront tiegħu rigward allegazzjoni ta' tixħim li saret minn kuntrattur (Giovann Vella) li allega li kien talbu xi flus. L-allegazzjoni kienet dwar *tender* li kien inħareġ għall-kostruzzjoni ta' estensjoni tal-binja ta' Sixth Form ġewwa Għawdex.

- Mistoqsi x'involviment kellu fl-2015 fir-rigward ta' *tender* li kien inħareġ għall-għamara tal-iskejjel pubbliċi huwa qal illi dak is-Sajf kienet tasal l-għamara fuq il-post u xogħlu kien li jiċċekkja jekk din tkunx waslet jew le. Huwa ma kien involut bl-ebda mod fil-proċess tal-*procurement*, ma jafx min

kien ipparteċipa fit-*tender* u anqas ma jaf min hu Christopher Farrugia, il-persuna li kien għamel numru ta' allegazzjonijiet dwaru fl-*affidavit* tiegħu.

- Meta ġie kkwotat lilu dak li qal fl-*affidavit* tiegħu Christopher Farrugia u ċioe illi hu kien ċempillu biex jinfurmah illi għandu ikellem lir-rikorrent Ciliberti, x-xhud qal li ma jiftakarx li qal dan id-diskors.

- Mistoqsi jafx lir-rikorrent huwa qal li kien jafu b'ismu u li kien jaf ukoll li kien iġib l-għamara ġewwa pajjiżna. Huwa qal li ġieli kellmu peress illi din kienet xi ħaġa ovvja li f'xogħlu ser jagħmel dan.

- Mistoqsi kienx involut f'xi laqgħat bejn il-kompetituri fit-*tender* tal-2015 huwa wieġeb li ma kienx ċert u għalhekk aħjar jgħid li ma jafx.

- Mistoqsi in kontroeżami jekk fil-proċeduri kriminali li kienu pendenti kontrih kienx hemm xi allegazzjoni dwar xi relazzjoni bejnu u bejn ir-rikorrent huwa wieġeb fin-negattiv.

**Kunsiderazzjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni: jekk l-intimat Matthew Vella huwiex leġittimu kuntradittur**

24. Kif ġa ngħad, fit-3 ta' Marzu 2017 ġiet ippreżentata nota mir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali b'ċertifikat anness[28], maħruġ minn **<u>Paul Azzopardi</u>** fil-vesti tiegħu ta' Reġistratur tal-Istampa, ai termini tal-Art. 52 tal-Kap. 248[29], li permezz tagħha ddikjara illi:

> **"l-editur reġistrat tal-gazzetti *Maltatoday* u *Maltatoday Midweek* fix-xahar ta' Dicembru 2016, kien is-Sur Saviour Balzan (Karta ta' Identita numru 127263M)"**

25. Il-kawża odjerna nfetħet kontra l-persuna li kiteb l-artiklu in kwistjoni u kontra l-intimat Matthew Vella bħala ***editur*** tal-gazzetta MaltaToday. Kif ġa ngħad, fis-16 ta' Marzu 2017 ir-rikorrent ippreżenta nota b'estratt mill-gazzetta *MaltaToday*[30] sabiex juri illi fiż-żmien in kwistjoni l-ġurnal kien jindika lil Saviour Balzan bħala *Managing Editor* u lil Matthew Vella bħala *Executive Editor*. B'digriet datat 15 ta' Ottubru 2018

---

[28] Fol 15-16
[29] Art. 52: 'F'kull proċeduri quddiem xi qorti ... ċertifikat maħruġ u ffirmat mir-Reġistratur li juri min huwa, jew min f'xi żmien kien l-editur, jew ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni ta' xi gazzetta ... ikun prova tal-kontenut tiegħu sakemm ma jiġix pruvat il-kuntrarju.'
[30] Fol 75-76

il-Qorti imbagħad awtorizzat li l-kliem "Matthew Vella" fil-korp tar-rikors promotur jiġu sostwiti bil-kliem "Saviour Balzan". Madanakollu l-atti fil-konfront tal-intimat Vella baqgħu qatt ma ġew irtirati.

26. Skond l-Art. 2 tal-Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta:

> **'"editur" tfisser il-persuna responsabbli għall-pubblikazzjoni ta' kull stampat u dwar gazzetta jew servizz ta' xandir tinkludi kull persuna li tħares id-disposizzjonijiet tal-artikolu 35'**
>
> **"responsabbli għall-pubblikazzjoni" tfisser persuna li tkun sid ta' impriża għall-pubblikazzjoni ta' gazzetta jew li jkollha liċenza għax-xandir u tinkludi kull persuna li jkollha faċilitajiet għall-produzzjoni jew riproduzzjoni ta' kull stampat;**

Dan naturalment ifisser illi filwaqt li persuna li tkun reġistrata bħala editur ta' gazzetta taħt id-disposizzjonijiet tal-Artiklu 35 tal-istess Att taqa' taħt id-definizzjoni ta' "*editur*", madanakollu ma' jfissirx illi persuna li ma' tkunx hekk reġistrata awtomatikament ma' tistax taqa' taħt tali definizzjoni taħt il-Kap. 248. Tant hu hekk illi d-definizzjoni tuża l-kelma "*tinkludi*" biex ma' tħallix barra dawk li m'humiex hekk reġistrati.

27. Issa skond l-Art 51(1) tal-Kap. 248:

> **51.(1) Kull gazzetta li tiġi ppubblikata f'Malta għandha turi isem ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni tagħha, u d-data meta tkun ġiet stampata**

In-nota tas-16 ta' Marzu 2017 ippreżentata mir-rikorrent turi biċ-ċar illi fiż-żmien in kwistjoni, l-ġurnal MaltaToday kien jindika lil Saviour Balzan bħala *Managing Editor* u lil Matthew Vella bħala *Executive Editor*. L-editur reġistrat mal-Reġistratur huwa Saviour Balzan. Kien jispetta lir-rikorrent għalhekk illi jressaq prova illi minkejja li l-intimat Vella mhuwiex reġistrat bħala editur mar-Reġistatur, huwa xorta waħda għandu jitqies minn din il-Qorti illi huwa editur (jekk hemm bżonn flimkien mal-intimat l-ieħor Saviour Balzan) billi jġib prova illi huwa kien responsabbli għall-pubblikazzjoni tagħha (pereżempju billi titressaq prova illi huwa sid, *in toto* jew *in parte* ta' impriża għall-pubblikazzjoni tal-gazzetta).

28. Inoltre ai termini tal-Art. 36(2) tal-Kap. 248:

> **'36 (2) Kull persuna tista' tispezzjona r-reġistru fil-ħinijiet kollha xierqa matul il-ħinijiet tal-uffiċċju u tista' wkoll, mal-ħlas tad-dritt xieraq, titlob kopja awtentikata ta' kull reġistrazzjoni fi, jew kull estratt minn, ir-reġistru miżmum skont dan l-artikolu.'**

Kien għalhekk possibbli għar-rikorrent illi qabel ma jiftaħ il-kawża jaċċerta ruħu dwar min kien l-editur tal-ġurnal billi jaċċedi għar-reġistru in kwistjoni, xi ħaġa li evidentement huwa m'għamilx.

29. Fuq kollox, bit-talba tiegħu illi l-kliem "Matthew Vella" jiġu sostwiti bil-kliem "Saviour Balzan" fil-korp tar-rikors promotur, liema talba ġiet milqugħa mill-Qorti, ir-rikorrent effettivament issokkomba għall-eċċezzjoni tal-intimati illi l-intimat Matthew Vella mhuwiex leġittimu kontradittur fil-kawża odjerna.

30. Fid-dawl tas-suespost il-Qorti sejra tilqa' din l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati billi tiddikjara illi l-intimat Matthew Vella m'huwiex leġittimu kontradittur f'din il-kawża u b'hekk tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra r-rikorrent. Dan ifisser ukoll illi fid-dawl tal-korrezzjoni ordnata mill-Qorti fil-15 ta' Ottubru 2018 u fid-dawl tal-eżitu ta' din l-ewwel eċċezzjoni, l-intimat f'din il-kawża huwa wieħed, ossia' Saviour Balzan, li huwa kemm l-awtur tal-artikolu in kwistjoni u kif ukoll l-editur tal-ġurnal li ppubblikatu.

**Kunsiderazzjoni: the *ordinary meaning* u s-*single meaning* tal-allegazzjonijiet fil-pubblikazzjoni lamentata**

*Il-liġi komuni u l-ġurisprudenza Ingliża*

31. Il-Qorti tagħmel riferenza għall-prinċipji tal-"*Ordinary Meaning of Words*" u s-*"Single Meaning*" tagħhom fil-liġi komuni Ingliża. F'dan ir-rigward il-Gatley jgħid hekk:

> "While some indication, express or implied, of what underlies the alleged comment is necessary the ultimate question on whether the words are comment or fact is how they would strike the ordinary, reasonable reader and it is unlikely that any attempt to formulate general principles of construction will be of much help, especially bearing in mind that any particular statement must be taken in the context of the piece as a whole… Context: Words must always be read in their context and the context of the piece as a whole may point to the conclusion that words which could, taken literally, be statement of fact are comment." [31]

---

[31] Gatley on Libel and Slander (11th edition), (2008), The Common Law Library, ed. Milton P et. al., para.12.10-12.11, p. 346

32. Fis-sentenza mogħtija mill-*House of Lords* (li l-funzjoni ġudizzjarja tagħhom llum tappartjeni lill-Qorti Suprema tar-Renju Unit) fl-ismijiet: **Lewis v Daily Telegraph [1964] AC 234** *inter alia* ingħad is-segwenti minn Lord Devlin:

> "The ordinary meaning of words and the meaning enlarged by innuendo give rise to separate causes of action, but there has also been a divergence between the popular and the legal meaning of " innuendo." The natural and ordinary meaning of words for the purposes of defamation is not their natural and ordinary meaning for other purposes of law. There must be added to the implications which a court is prepared to make as a matter of construction all such insinuations and innuendos as could reasonably be read into them by the ordinary man...
>
> My Lords, the natural and ordinary meaning of words ought in theory to be the same for the lawyer as for the layman, because the lawyer's first rule of construction is that words are to be given their natural and ordinary meaning as popularly understood. The.proposition that ordinary words are the same for the lawyer as for the layman is as a matter of pure construction undoubtedly true. But it is very difficult to draw the line between pure construction and implication, and the layman's capacity for implication is much greater than the lawyer's. The lawyer's rule is that the implication must be necessary as well as reasonable. The layman reads in an implication much more freely; and unfortunately, as the law of defamation has to take into account, is especially prone to do so when it is derogatory."

33. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-Ingilterra u Wales, **Slim and Others v. Daily Telegraph Ltd. and Others [1968] 2 Q.B. 157** Lord Diplock qal is-segwenti fuq id-duttrina tas-"*Single Meaning"* stabbilita fil-liġi komuni Ingliża:

> "In the spring of 1964 two short letters appeared in the correspondence columns of the "*Daily Telegraph."* Written by Mr. Herbert, they formed part of a robust though desultory controversy about the prospective use by motor vehicles of a public footpath forming part of Upper Mall in Hammersmith. Neither letter can have taken a literate reader of that newspaper more than 60 seconds to read before passing on to some other, and perhaps more interesting, item. Any unfavourable inference about the plaintiffs' characters or conduct which he might have drawn from what he read would have been one of first impression. Yet in this court three lords justices and four counsel have spent the best part of three days upon a minute linguistic analysis of every phrase used in each of the letters. If this protracted exercise in logical positivism has resulted in our reaching a conclusion as to the meaning of either letter different from the first impression which we formed on reading it, the conclusion reached is unlikely to reflect the impression of the plaintiffs' character or conduct which was actually formed by those who read the letters in their morning newspaper in 1964.

Nevertheless, the artificial and archaic character of the tort of libel makes the exercise necessary in this appeal, even though in the end we return to the first impression with which we began. Libel is concerned with the meaning of words. Everyone outside a court of law recognises that words are imprecise instruments for communicating the thoughts of one man to another. The same words may be understood by one man in a different meaning from that in which they are understood by another and both meanings may be different from that which the author of the words intended to convey. But the notion that the same words should bear different meanings to different men and that more than one meaning should be "right" conflicts with the whole training of a lawyer. Words are the tools of his trade. He uses them to define legal rights and duties. They do not achieve that purpose unless there can be attributed to them a single meaning as the "right" meaning. And so the argument between lawyers as to the meaning of words starts with the unexpressed major premise that any particular combination of words has one meaning which is not necessarily the same as that intended by him who published them or understood by any of those who read them but is capable of ascertainment as being the "right" meaning by the adjudicator to whom the law confides the responsibility of determining it.

That is what makes the meaning ascribed to words for the purposes of the tort of libel so artificial. In the present appeal, although legal innuendoes (see *Lewis v. Daily Telegraph Ltd*) have been pleaded, no reliance has been placed in the argument upon them. The whole discussion has been about the "natural and ordinary meaning" of the words used in the letters. What is the "natural and ordinary meaning" of words for the purposes of the law of libel? One can start by saying that the meaning intended to be conveyed by the publisher of the words is irrelevant. However evil the imputation upon the plaintiff's character or conduct he intended to communicate, it does not matter if, in the opinion of the adjudicator upon the meaning of the words, they did not bear any defamatory meaning. However innocent an impression of the plaintiff's character or conduct the publisher of the words intended to communicate, it does not matter if, in the opinion of the adjudicator upon the meaning of words, they did bear a defamatory meaning. This would be rational enough if the purpose of the law of libel were to afford compensation to the citizen for the unjustifiable injury to his reputation actually caused by the publication of the words to those to whom they were communicated. But although in assessing damages the courts now accept this as the purpose of the civil action (see *Rookes v. Barnard and McCarey v. Associated Newspapers Ltd. (No. 2)*, we refuse to accept its logical corollary that the relevant question in determining liability for libel is: *"What did those to whom the words were published actually understand them to mean*?" The best evidence of that would be the evidence of the persons to whom the words were actually published. Yet, save in exceptional cases where a "legal" innuendo is relied on, it is not even permitted to ask a witness to whom the words were published: "What did you understand them to mean?" What he did actually understand them to mean does not matter. This too might be rationalised on the ground that the publisher of the words ought to be responsible in law only for the injury caused to the

plaintiff's reputation by those defamatory inferences which a reasonable man might draw from the words published, and the witness to whom the words were published may not have been reasonable in drawing the defamatory inferences which he in fact drew. But this rationalisation breaks down once it is conceded, as it has been by the House of Lords in *Lewis v. Daily Telegraph*, that one man might be reasonable in drawing one defamatory inference from the words and another man might be reasonable in drawing another defamatory inference. Where, as in the present case, words are published to the millions of readers of a popular newspaper, the chances are that if the words are reasonably capable of being understood as bearing more than one meaning, some readers will have understood them as bearing one of those meanings and some will have understood them as bearing others of those meanings. But none of this matters. What does matter is what the adjudicators at the trial thinks is the one and only meaning that the readers as reasonable men should have collectively understood the words to bear. That is "*the natural and ordinary meaning*" of words in an action for libel."

34. Din id-duttrina ġiet ikkritikata matul iż-żminijiet u ġiet ukoll mwarrba f'dawk il-kawżi ta' libell li jirrigwardaw "*malicious falsehood"* u l-privileġġ kwalifikat fosthom tal-kondotta tal-ġurnalist fil-pubblikazzjoni ta' artiklu ("*journalistic conduct*")[32]. Madanakollu anke meta ġiet iffaċċjata bi kritika, xi kultant ħarxa, l-utilità ta' din id-duttrina ġiet xorta waħda rikonoxxuta:

"Language is inherently imprecise. Words and phrases and sentences take their colour from their context. The context often permits a range of meanings, varying from the obvious to the implausible. Different readers may well form different views on the meaning to be given to the language under consideration. Should the law take this into account when applying the objective standard of responsible journalism? Or should the law simply apply the objective standard of responsible journalism to the single meaning the law attributes to the offending words, regardless of how reasonable it would be for a journalist or editor to read the words in a different, non-defamatory sense? ... At first sight there might seem to be some legal logic in applying the latter approach. The "single meaning" rule adopted in the law of defamation is in one sense highly artificial, given the range of meanings the impugned words sometimes bear ... **Nevertheless, given the ambiguity of language, the rule does represent a fair and workable method for deciding whether the words under consideration should be treated as defamatory. To determine liability by reference to the meaning an ordinary reasonable reader would give the words is unexceptionable** (emfasi miżjuda mill-Qorti)." [33]

---

[32] Ara per eżempju **Reynolds v Times Newspapers Ltd [2001] 2 AC 127**, **Jameel & Ors v Wall Street Journal Europe Sprl [2006] UKHL 44** u **Bonnick v. Morris [2002] 3 WLR 820**
[33] **Bonnick v. Morris [2002] 3 WLR 820**

35. Imbagħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-Ingilterra u Wales, **<u>Gillick v Brook Advisory Centres & Anor [2001] EWCA Civ 1263</u>** il-Qorti kienet emfatika meta kkwotat lill-Qorti tal-Ewwel Istanza (Imħallef J. Eady):

> "Eady J produced what, if I may respectfully say so, was an impeccable synthesis of the authorities in this area of the law when directing himself as to the approach he should adopt to the respondents' application. I can do no better than to repeat this: The proper role for the judge when adjudicating a question of this kind is to evaluate the words complained of and to delimit the range of meanings of which the words are reasonably capable, exercising his or her own judgment in the light of the principles laid down in the authorities ... If the judge decides that any pleaded meaning falls outside the permissible range, then it will be his duty to rule accordingly. In deciding whether words are capable of conveying a defamatory meaning, the court should reject those meanings which can only emerge as the produce of some strained or forced or utterly unreasonable interpretation. The purpose of the new rule is to enable the court to fix in advance the ground rules and permissible meanings, which are of cardinal importance in defamation actions, not only for the purpose of assessing the degree of injury to the claimant's reputation but also for the purpose of evaluating any defences raised, in particular, justification and fair comment**. The court should give the article the natural and ordinary meaning which it would have conveyed to the ordinary reasonable reader reading the article once** (emfażi miżjuda mill-Qorti). Hypothetical reasonable readers should not be treated as either naive or unduly suspicious. They should be treated as being capable of reading between the lines and engaging in some loose thinking, but not as being avid for scandal. **The court should avoid an over-elaborate analysis of the article, because an ordinary reader would not analyse the article as a lawyer or accountant would analyse documents or accounts** (emfażi miżjuda mill-Qorti). Judges should have regard to the impression the article has made upon them themselves in considering what impact it would have made on the hypothetical reasonable reader. **The court should certainly not take a too literal approach to its task**. (emfażi miżjuda mill-Qorti)".

36. Fis-sentenza tal-*High Court* tal-Ingilterra u Wales fl-ismijiet **<u>Lowe v Associated Newspapers Ltd | [2006] 3 All ER 357</u>** ġie ikkonfermat ukoll illi d-duttrina tat-tifsira singulari tapplika ukoll għall-każijiet tad-difiża tal-*fair comment* minkejja li f'dik il-kawża kienet saret talba speċifika lill-Qorti appuntu sabiex teskludi l-applikazzjoni tad-duttrina f'tali każijiet.

*It-tifsira li għandha tingħata lill-allegazzjonijiet fil-pubblikazzjoni lamentata*

37. Ir-rikorrent kemm permezz tan-nota li ppreżenta fit-23 ta' Jannar 2017 u kemm bis-saħħa tal-*affidavit* tiegħu indika dawk il-brani li huwa ħass li kienu malafamanti fil-konfront tiegħu. Dawn jistgħu jiġu miġbura fis-segwenti allegazzjonijiet:

- **<u>Allegazzjoni numru wieħed</u>**: l-allegazzjoni illi Edward Caruana kien involut b'mod improprju fil-proċess tat-*tendering* tal-FTS liema allegazzjoni, li speċifikament ma tagħmilx riferenza għar-rikorrent, trid tinqara ukoll mal-allegazzjoni illi r-rikorrent kien ġie propost minn Edward Caruana bħala *middleman* lil *supplier* li kien tefa' offerta għal tender tal-FTS. **It-tifsira singulari, naturali u ordinarja li qarrej raġjonevoli ta' intelliġenza ordinarja jitqies li jagħti lil din l-allegazzjoni hija, fil-fehma tal-Qorti, dik illi r-rikorrent kien involut ma' Edward Caruana f'aġir improprju f'*tender* tal-FTS bħala *middleman*.**

- **<u>Allegazzjoni numru tnejn:</u>** L-allegazzjoni illi bejn 2013-2015 il-kumpaniji tar-rikorrent rebħu diversi kuntratt pubbliċi u daħħlu żewġ miljun euro minnhom u li f'dan il-perjodu dawn kienu jippreżentaw l-irħas offerti flimkien mal-kumpanija L&A Camilleri deskritta bħala li hija ta' Piju Camilleri, "*henchman*" tal-Ministru Lorry Sant. Din l-allegazzjoni trid tinqara ukoll mal-allegazzjoni li Edward Caruana kien qiegħed jiġi investigat flimkien ma' numru ta' individwi oħra u li l-Pulizija kienet qed tinvestiga dwar jekk ċertu *tenders* tal-FTS inħolqux apposta sabiex jiffavorixxu lil ċertu suppliers (u hawn ġiet imsemmija d-ditta Camillo Sirianni). **It-tifsira singulari, naturali u ordinarja li qarrej raġjonevoli ta' intelliġenza ordinarja jitqies li jagħti lil din l-allegazzjoni hija, fil-fehma tal-Qorti, dik illi r-rikorrent mhux biss kien involut fl-aġir improprju deskritt fl-ewwel allegazzjoni iżda inoltre kien jiġi aġevolat billi ditta li kellu konnessjoni magħha jew il-kumpaniji tiegħu kienu b'mod konsistenti jingħataw it-*tenders* tal-FTS b'mod inġust.**

- **<u>Allegazzjoni numru tlieta:</u>** L-allegazzjoni mill-artikolist illi l-Pulizija kienet qed tinvestiga diversi *business activities* tar-rikorrent (inkluż id-diversi *tenders* li rebħu l-kumpaniji tiegħu) in konnessjoni mal-isplużjoni ta' bomba li kienet tpoġġiet barra d-dar tiegħu u in konnessjoni mal-allegazzjonijiet fil-konfront ta' Edward Caruana. **It-tifsira singulari, naturali u ordinarja li qarrej raġjonevoli ta' intelliġenza ordinarja jitqies li jagħti lil din l-allegazzjoni hija, fil-fehma tal-Qorti, dik illi r-rikorrent kien qed jiġi investigat għall-involviment tiegħu ma persuna li kienet qed titressaq**

**il-Qorti fuq allegat tixħim in konnessjoni mat-*tenders* tal-FTS u dik illi l-attivitajiet tiegħu fin-negozju setgħu wasslu sabiex persuna jew persuni mhux magħrufa tpoġġilu jew ipoġġulu bomba barra d-dar tiegħu.**

**Kunsiderazzjoni dwar it-tieni eċċezzjoni: sorvolata**

38. It-tieni eċċezzjoni tal-intimat Balzan ossia dik illi r-rikorrent għandu jindika liema huma dawk il-brani tal-artiklu in kwestjoni li huma allegatament libellużi u malafamanti fil-konfront tiegħu, ġiet sorvolata billi kif diġa ngħad ir-rikorrent għamel dan permezz tan-nota tiegħu tat-23 ta' Jannar 2017 u permezz tal-*affidavit* tiegħu. L-intimat Balzan għal xi raġuni baqa' ma rtirax din l-eċċezzjoni u għalhekk il-Qorti fiċ-ċirkustanzi ma tistax ħlief tiċħadha peress illi anke jekk inizjalment din kienet tagħmel sens, madanakollu s-siwi tagħha spiċċa fix-xejn appena ħareġ ċar fil-kors tal-kawża x'kienu dawk l-allegazzjonijiet illi r-rikorrent ħass li kienu libellużi u malafamanti.

**Kunsiderazzjoni dwar it-tielet eċċezzjoni: il-verità tal-fatti**

39. It-tielet eċċezzjoni mressqa mill-intimat Balzan hija dik illi l-fatti esposti fil-pubblikazzjoni huma sostanzjalment minnhom, jesponu l-verita' tal-fatti u ma jikkontjenux allegazzjonijiet foloz. Din l-hekk imsejjħa *exceptio veritatis* tixħet piż qawwi fuq l-intimat billi jrid ta' bilfors jieħu r-responsabiltà ta' dak li ġie ppubblikat (inkluż allegazzjonijiet li saru minn terza persuna) u jipprova illi dawn huma sostanzjalment veri u korretti.

*X'jgħidu l-awturi u x'tgħid il-każistika*

40. Kif ingħad mill-Gatley:

> "Where the defendant pleads justification simpliciter the burden lies on him to prove the truth of the words in their natural and ordinary meaning. A plea of justification means that all the words were true and covers not only the bare statements of facts in the alleged libel but also any imputation which the words in their context may be taken to convey…The defendant will establish his plea if he proves that the gist or sting of the libel is true…"[34]

41. Dwar id-difiża tal-verità tal-fatti ("*plea of justification*") il-Prim' Awla tal-Qorti Civili sostniet fis-sentenza fl-ismijiet '**Brian Ebejer v. Dennis Degiorgio'** (Referenza: 2066/1998/1JRM deciza fid-29 ta' Settembru 2011) li:

[34] Gatley on Libel and Slander Sweet and Maxwell (London) 8th ed., paras. 1389-1390, pp. 568-569.

"irid jingħad li meta l-parti mħarrka tistrieħ fuq eċċezzjoni bħal dik, titfa' fuqha nnifisha r-responsabbiltà' kollha tal-malafama maħluqa bil-pubblikazzjoni li tkun. Fl-istess ħin, tidħol għall-piż li turi kif jixraq li l-fatti msemmija f'tali pubblikazzjoni jkunu sostanzjalment minnhom. Huwa f'dan ir-rigward stabbilit li '*in order to succeed upon a plea of justification the onus lies upon the defendant to prove that the whole of the defamatory matter complained of, that is to say the words themselves and any reasonable inference to be drawn from them, are substantially true. ... for the defence to be successful it is not necessary that every 't' should be crossed and every 'i' dotted; it is sufficient if the substance of the libellous statement be justified*'"[35]

42. Hekk ukoll fis-sentenza fl-ismijiet: '**<u>Alex Torpiano et. pro et noe v. Jose' Herrera</u>'** (App. Nru 337/2004/1 AE, 30/01/2017), il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) qieset:

"Illi huwa meqjus li s-suċċess tal-prova ta' din it-"tingiża" tal-libell ma jseħħx biss billi wieħed jallega fatti ġeneriċi jew mhux marbuta mal-kliem użat fil-pubblikazzjoni impunjata, iżda jridu jkunu fatti li jsejsu dak li jkun inkiteb. Il-fatt pruvat irid ikun ġrajja li seħħet u mhux sempliċi stħajjil f'moħħ min ikun fassal il-pubblikazzjoni, ikun kemm ikun konvint li jemmen dak l-istħajjil. '*A writer of libellous matter sometimes seeks to excuse himself by saying that he believed in the truth of the imputation; but this belief – however honest – is wholly irrelevant in regard to deciding upon liability, although such belief may be of value as evidence in mitigation of damages".*

*Il-liġi*

43. Din id-difiża hija rregolata mill-Artikolu 12 tal-Kap. 248 li fost affarijiet oħra jipprovdi illi l-prova tal-verità tal-fatti attribwiti hija ammessa biss fil-każ li l-persuna offiża taqa' taħt waħda jew iktar mill-ħames kategoriji elenkati u cioe:

**a. Tkun uffiċjal jew impjegat pubbliku u l-fatti attribwiti lilha huma dwar l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha; jew**

**b. Tkun kandidat għal kariga pubblika u l-fatti attribwiti lilha jkunu dwar l-onesta, il-ħila jew il-kompetenza tagħha li tokkupa dik il-kariga; jew**

**c. Abitwalment teżerċita professjoni, arti jew sengħa, u l-fatti attribwiti lilha jkunu dwar l-eżerċizzju ta' dik il-professjoni, arti jew sengħa; jew**

**d. Tieħu parti attiva fil-politika u l-fatti attribwiti lilha jkunu dwar il-parti li hi tieħu fil-politika; jew**

[35] Fil-paragrafu kkwotat, l-Onor Imħallef Joseph R. Micallef kien ikkwota ukoll bran minn *"Carter Ruck Libel and Slander (3rd Edit.) paġna 86"*

**e. Jkollha kariga ta' fiduċja fi kwistjoni ta' interess pubbliku ġenerali.**

44. Ir-rikorrent huwa negozjant u dak iż-żmien kien involut ukoll fil-provvista tal-għamara għall-iskejjel. L-allegazzjonijiet prinċipalment jirrigwardaw aġir li wettaq fil-kors tan-negozju tiegħu jew affarijiet li seħħulu minħabba n-negozju tiegħu. Din l-eċċezzjoni għalhekk setgħet titqajjem b'mod validu fil-konfront tar-rikorrent. Naturalment jibqa' neċessarju l-eżerċizzju dwar jekk l-intimat Balzan irnexxielux bil-provi li ressaq tul din il-kawża isostni din l-hekk imsejjħa *exceptio veritatis.*

*L-ewwel allegazzjoni: aġir impoprju tar-rikorrent fit-tenders tal-FTS*

45. L-ewwel allegazzjoni prinċipali fl-artikolu lamentat hija l-allegazzjoni illi r-rikorrent kien involut ma' Edward Caruana f'aġir improprju f'tender tal-FTS bħala middleman. Din l-allegazzjoni, ripetuta diversi drabi f'artikli preċedenti hija bbażata fuq l-allegazzjoni magħmula min *tenderer*, rappurtata mill-intimat Balzan, illi Edward Caruana kien issuġġerilu illi jkellem lir-rikorrent in konnessjoni ma *tenders* tal-FTS u illi waqt il-laqgħa mat-*tenderer* ir-rikorrent kien ftaħar illi kull min rebaħ it-*tenders* tal-FTS kien talab l-assistenza tiegħu billi kien hu biss illi jġib għamara b'*certification of design* uniku li kien rikjest fit-tenders, liema għamara tiġi provduta lilu minn supplier Taljan li jaħdem miegħu b'mod esklussiv.

46. Qabel xejn jrid jingħad li fir-rigward tal-ġustifikazzjoni ta' allegazzjoni magħmulha minn terz, il-Qrati tal-Ingilterra u Wales sostnew għal diversi drabi illi d-diffamatur ma' jistax jistrieħ fuq il-fatt illi jkun irċieva din l-allegazzjoni libelluża mingħand it-terz, iżda dejjem jeħtieġlu li jressaq provi illi tali allegazzjoni tkun sostanzjalment korretta.

47. Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Lewis v. Daily Telegraph Ltd. (1964, AC)</u>** il-Qorti tal-Appell Ingliża qalet is-segwenti:

> "The basic principle applicable is that stated in Gatley on Libel and Slander, 4th ed., p. 106, and approved in Truth (N. Z.) Ltd. v Holloway [36] that every publication of a libel is a new libel and each publisher is answerable for his act as if the calumny had originated with him … To establish a plea of justification the defendant must prove that the defamatory imputation is true. If something is published as "'suspicion" or "belief" only, for example, that the plaintiff committed

[36] **<u>Truth (NZ) Ltd v Holloway</u>** [1961] NZLR 22 (PC)

a murder, it is not enough to prove the belief, for the damaging imputation is the substantive charge of murder …"

48. Fis-sentenza fl-ismijet **Chase v. News Group Newspapers Ltd.**, [2002] EWCA (Civ) 1772, [2003] E.M.L.R. 11, 218 (C.A.) ingħad hekk:

"39. It remains the law (subject to any HRA considerations) that if a defendant repeats a libel he/she has heard from others, a plea of justification will only succeed if he/she can prove by admissible evidence that what they said was substantially true. The relevant law was authoritatively restated by this court in Shah v Standard Chartered Bank Ltd [1999] QB 241. In Lewis v Daily Telegraph Ltd [1964] AC 234 Lord Devlin observed at pp 283-4 that:

"… *you cannot escape liability for defamation by putting the libel behind a prefix such as 'I have been told that ..' or 'It is rumoured that …' and then asserting that it was true that you had been told or that it was in fact being rumoured. You have … to prove that the subject matter of the rumour was true."* »

49. L-intimat għalhekk irid mhux biss jagħmel tiegħu l-allegazzjonijiet li huwa jgħid li rċieva mingħand it-*tenderer* in kwistjoni (li flimkien jifformaw l-ewwel allegazzjoni prinċipali), iżda oltre minn hekk irid jara kif ser jipprova li dawn l-allegazzjonijiet magħmula mit-*tenderer* huma sostanzjalment veri. Mhux ta' b'xejn li oneru bħal dan ġie deskritt minn ċertu awturi bħala li jersaq viċin il-*probatio diabolica.*

50. Mill-provi, partikularment mix-xhieda ta' **Christopher Farrugia**, irriżulta tabilħaqq li f'Jannar 2016 dan l-individwu avviċina lill-intimat Balzan permezz tal-posta elettronika u għaddielu korrispondenza li għaddiet bejnu u bejn il-Ministru Bartolo fl-2015 li kienet tinkludi *emails* li għaddew bejn il-klijent tiegħu ċertu Janice Spiteri (li tiġġestixxi d-ditta IdeaCasa u li huwa kien jirrappreżenta ma' *supplier* ieħor ġewwa t-Turkija) u r-rikorrent (inkluż ċertu Francesco Siriani). Skond dan ix-xhud fl-ewwel sitt xhur tas-sena 2015 huwa kien ipparteċipa f'numru ta' tenders tal-FTS għan-nom ta' Spiteri u wara li kien ġie *shortlisted* f'numru minnhom bħala t-*tenderer* li kellu prezz vantaġġjuż huwa ġie avviċinat bit-telefon minn Edward Caruana li ħeġġu sabiex jiltaqa' mar-rikorrent, li kien ukoll wieħed mill-kompetituri għall-istess *tenders*. Ftit minuti wara ġie avviċinat ukoll mir-rikorrent li ffissa laqgħa miegħu fl-uffiċċju tiegħu f'Burmarrad. Matul il-laqgħa, dejjem skond dan ix-xhud, kien ġie infurmat mir-rikorrent illi sabiex jirnexxi fl-offerti tiegħu huwa kellu ta' bilfors juża l-għamara tas-*supplier* tiegħu (tad-ditta Taljana, Camillo Sirianni) billi din kienet l-unika kumpanija li timmanifattura l-għamara skond l-i*specifications* rikjesti fit-*tenders.* Matul il-laqgħa r-rikorrent ċempel lil Francesco Sirianni (li jiġġestixxi d-ditta Camillo Sirianni). Dan tennielu dak li kien għadu kemm spjegalu r-rikorrent dwar in-neċessita' li jixtri l-għamara mingħandu jekk ried li jirnexxi fl-offerti tiegħu. Wara t-telefonata, r-rikorrent għaddielu xi *quotations* għat-tlett offerti

in kwistjoni u qallu ukoll illi huwa kien ser imissu persentaġġ mir-rikavat, għalkemm ma speċifikalux kemm kien ser jitlob. Wara l-laqgħa r-rikorrent għadda l-*quotations* in kwistjoni flimkien mal-*email* ta' Sirianni lix-xhud. Dan tal-aħħar induna illi l-prezzijiet mitluba kienu tali li ma kienux ser iħallulu profitt. Huwa rrapporta dak li seħħ lis-CEO tal-FTS (dak iż-żmien Philip Rizzo) li eventwalment qallu biex jiltaqa' mas-Segretarju Permanenti. Sadanittant huwa ġie skwalifikat mill-offerti stante illi d-*drawings* tiegħu ma kienux jissoddisfaw l-i*specifications* mitluba. Meta imbagħad f'Mejju 2015 mar għal-laqgħa mas-Segretarju Permanenti skopra illi dan jiġi ħu Edward Caruana, li filfatt kien preżenti ukoll fil-laqgħa. Matul il-laqgħa huwa prova jgħidilhom ukoll illi l-*istandards* mitluba fit-*tenders* kienu *outdated* u li ma kienux l-*istandards* l-ġodda li kienu qed japplikaw fl-Ewropa. Wara l-laqgħa x-xhud qal li rċieva telefonata mir-rikorrent li qallu illi kien jaf li kixef kollox u li seta' jinsa li qatt ser jirbaħ xi *tender* tal-FTS. Ix-xhud qal ukoll illi filfatt qatt ma rebaħ xi kuntratt pubbliku minn dak iż-żmien 'l quddiem.

51. Jidher ċar għalhekk illi l-intimat Balzan ipprova b'mod sodisfaċenti illi l-allegazzjonijiet rrapportati kontra r-rikorrent (li jiffurmaw l-ewwel allegazzjoni prinċipali) verament saru mill-allegat *tenderer*. Dan waħdu però mhux biżżejjed billi kif ingħad l-intimat jrid jipprova ukoll il-verità ta' dawn l-allegazzjonijiet.

52. Fl-*affidavit* tiegħu r-rikorrent **<u>ma ċaħadx</u>** li kienet saret laqgħa bejnu u bejn Christopher Farrugia (għan-nom ta' Janice Spiteri) jew li kien involva lil Camillo Sirianni f'tentattiv sabiex it-*tenderer* in kwistjoni jixtri l-għamara mingħandu. Lanqas ma ċaħad b'mod kategoriku li kellu xi rabta ma' Edward Caruana (għalkemm semma b'mod *en passant* illi r-riferenza għalih bħala *bomb victim* f'allegazzjonijiet ivvintati ta' korruzzjoni u rabtiet ma' Edward Caruana kien iqishom barra minn lokhom). Madanakollu kemm fil-protest ġudizzjarju li ppreżenta qabel il-kawża u kemm fl-*affidavit* tiegħu huwa tenna illi l-artikolu kien assassinju indebitu u mhux mistħoqq tal-karattru tiegħu u li kien evidenti illi l-artikolist straħ fuq l-allegazzjoni ta' Farrugia mingħajr ma għamel l-iċken verifika tal-allegazzjonijiet foloz.

53. Ir-rikorrent kien speċifiku u emfatiku però meta ċaħad kategorikament kemm illi (i) is-sejħiet pubbliċi tal-FTS kellhom xi *specifications* partikolari li kienu jirreferu għal għamara manifatturata mid-ditta Taljana in kwistjoni, u kemm illi (ii) huwa jirrappreżenta b'mod esklussiv f'Malta lid-ditta Taljana li tipproduċi għamara li ġġorr din is-"certificate of design".

54. Kemm mir-*right of reply* ta' Sirianni, kif ukoll min-nuqqas ta' provi oħra, jirriżulta illi ma ġietx ippruvata din l-esklussivita' li ġiet allegata minn Farrugia. Madanakollu l-Qorti ma tħossx b'daqshekk illi dan in-nuqqas fattwali waħdu jxejjen b'mod sostanzjali l-allegazzjonijiet magħmulha mill-istess Farrugia iktar u iktar meta dejjem skond l-istess Farrugia, dawn l-allegazzjonijiet dwar is-*certificate of design* uniku u l-esklussivita' li kien igawdi r-rikorrent mas-*supplier* Taljan kienu ġew magħmulha mir-rikorrent innifsu fil-laqgħa li kellu miegħu.

55. Fir-rigward tal-i*specifications* tat-*tenders* tal-FTS (jew is-*certification of design)* li skond Farrugia (u l-intimat) kien ġie mgħarraf mir-rikorrent (u minn Sirianni) li kienu uniċi u li setgħu jiġu sodisfatti biss bl-għamara ta' SIrianni, il-provi dokumentarji u x-xhieda prodotta (partikolarment ta' **<u>Samuel Dimech</u>**) juru li dan m'huwiex il-każ. Id-dokumenti esebiti minn Dimech li juru l-*ispecifications* għal *tenders* partikolari u maġġuri li ħarġu fl-2015 inkluż it-*tender* "FTS 53-15 - *Supply, Delivery and Installation of Furniture for St. Ignatius College; St. Nicholas College; St. Theresa College, St. Benedict Colelge; Giovanni Curmi HSS; School of Art; School of Drama & School of Music*" juru illi t-*tenderers* kienu meħtieġa jġibu ċertifikazzjoni minn *accredited third party body* illi l-għamara kienet tissodisfa l-istandard magħruf bħala <u>MSA EN 1729 Part 1 and 2 or equivalent</u>. Mix-xhieda ta' Dimech ħareġ illi l-i*specifications* kienu fis-server intern tal-FTS għal ħafna snin u filfatt qatt ma nbidlu. L-intimat ma ressaq l-ebda prova illi dan l-istandard huwa xi wieħed uniku li setgħet toffrih biss id-ditta Camillo Sirianni jew inkella li kien hemm xi *certifcate of design* ieħor li kien uniku u li setgħet toffrih biss dik id-ditta. Din kienet prova li almenu kienet tirrikjedi xhieda minn rappreżentanti tal-MCCAA (li fi ħdanha hemm dik li kienet qabel il-Malta Standards Authority) jew rappreżentanti tal-istess Camillo Sirianni, xi ħaġa li l-intimat ma ttentax jagħmel.

56. Lanqas mill-*quotations* li bagħtet Camillo Sirianni lil Janice Spiteri (fol 189-192) ma jidher illi l-għamara offerta kellha xi *certification of design* partikolari u uniku. Fis-sew dawn id-dokumenti juru li Camillo Sirianni kellha *standards* fosthom *Quality System Certificate UNI EN ISO 9001:2008* u *Safety Management System Certificate* OHSAS 18001:2007. Però ma tressqet l-ebda prova illi dawn l-*ispecifications* kienu uniċi jew li kienu ekwivalenti għall-*ispecifications* rikjesti f'xi *tenders* partikolari tal-FTS.

57. Jidher però minn tali dokumenti illi verament kienu ntbagħtu *quotations* minn Camillo Sirianni lil Janice Spiteri għal għamara b'riferenza partikolari għal żewġ tenders tal-FTS, ossia FTS 55-15 u FTS 57-15 (li mid-dokumenti esebiti mir-

rikorrent entrambi jidhru li kienu ntrebħu mill-kumpanija L&A Camilleri Limited[37]) . Jidher ukoll illi dawn kienu ntbagħtu miinn Francesco Sirianni lir-rikorrent Ciliberti u li dan għaddihom lill-istess Janice Spiteri permezz ta’ *email* (li għaddiethom lil Christopher Farrugia ukoll permezz ta’ *email).*

58. Kif ingħad, l-allegazzjoni li dawn l-offerti ta’ Sirianni ġew mgħoddija lil Spiteri (tramite ir-rapprezentant tagħha Christopher Farrugia) mir-rikorrent Ciliberti waqt il-laqgħa in kwistjoni **ma ġietx miċħuda mir-rikorrent**. Li m’huwiex daqstant ċar però huwa jekk kienx vera illi din il-laqgħa ssejjħet fuq insistenza ta’ Edward Caruana li skond l-intimat Balzan kien jokkupa l-kariga ta’ *procurement officer* fi ħdan l-FTS.

59. Meta tela’ jixhed, **Edward Caruana** saħaq li huwa qatt ma kien jokkupa l-kariga ta’ *procurement officer* u li xogħlu kien li bħala *head* tas-*Summer Projects* u *Maintenance Division Unit* fi ħdan l-FTS jara illi jsir progress fix-xogħolijiet intensivi li kienu jsiru fir-rigward tal-*manteniment* tal-iskejjel matul ix-xhur tas-Sajf. Fis-Sajf tal-2015 xogħlu kien illi jiċċekkja jekk l-għamara tal-iskejjel tasalx fuq il-post jew le. Madanakollu huwa ma kienx ċert meta ġie mistoqsi jekk kienx involut f’xi laqgħat bejn il-kompetituri fit-*tenders* tal-2015. Mistoqsi jafx lir-rikorrent huwa qal li kien jafu b’ismu u li kien jaf ukoll li kien iġib l-għamara ġewwa pajjiżna. Huwa qal li ġieli kellmu peress illi din kienet xi ħaġa ovvja li f’xogħlu ser jagħmel dan. Dwar Christopher Farrugia għalkemm f’parti waħda mix-xhieda tiegħu qal illi ma kienx jaf min hu, madanakollu meta ġie kkwotat lilu dak li kien tenna l-istess Farrugia fl-*affidavit* tiegħu huwa qal illi ma jiftakarx li kien ċempillu sabiex jgħidlu jmur jkellem lir-rikorrent Ciliberti.

60. Il-Qorti tħoss illi dan ix-xhud ma kienx daqstant konvinċenti fit-tweġibiet tiegħu, xi ħaġa li ma kienetx tistenna minn persuna li b’mod kategoriku tkun trid tiċħad l-allegazzjonijiet serji li kienu qed isiru fil-konfront tagħha. Il-fatt biss illi stqarr li ma kienx jaf jekk kienx involut f’xi laqgħat bejn il-kompetituri fit-*tenders* tal-2015, meta fl-istess nifs kien għadu kemm qal illi ma kellu xejn x’jaqsam mal-*procurement*, huwa ukoll indikattiv tal-mod xejn konvinċenti li bih xehed Caruana.

61. Il-Qorti tistqarr mingħajr tlaqliq li m’hija taħt l-ebda illużjoni dwar il-*buona fede o meno* ta’ Christopher Farrugia meta fl-istadju ta’ *tender* li kien qed jipparteċipa fih u li ma kienx għadu ġie aġġudikat, dan aċċetta li jmur jiltaqa’ mar-rikorrent fuq

---

[37] Ara fol 37 esebit mir-rikorrent innifsu

suġġeriment ta' Edward Caruana. Ftit għandha dubbju l-Qorti dwar l-intenzjonijiet oriġinali tal-istess Farrugia meta mar biex jiltaqa' mar-rikorrent.

62. Madanakollu l-Qorti tħoss illi iżjed iva milli le, ix-xhud Christopher Farrugia kien kredibbli fid-dettalji ta' dak li xehed dwarhom (kemm fl-affidavit tiegħu u kemm in kontroeżami) u li tabilħaqq kien ġie avviċinat b'mod improprju minn Edward Caruana sabiex bl-involviment tar-rikorrent jakkwista l-għamara rikjesta fit-*tender* mis-*supplier* tar-rikorrent. Kien kredibbli ukoll dwar dak li allegatament seħħ fil-laqgħa li kellu mar-rikorrent anke għaliex *in parte* dan ġie sorrett mill-*emails* esebiti. Fl-istess ħin il-Qorti tqis bħala importanti ukoll l-fatt illi r-rikorrent li tant kien attent jiċħad b'mod kategoriku partijiet mill-allegazzjoni ta' Farrugia, fl-ebda ħin ma ċaħad li seħħet din il-laqgħa. **Tqis ukoll importanti mhux ftit il-fatt illi r-rikorrent kien għadda lil Farrugia l-*quotations* ta' Camillo Sirianni għal għamara tal-iskola rikjesta fit-*tenders* FTS 55-15 u FTS 57-15, meta hu nnifsu kien qed jipparteċipa fit-*tenders* in kwistjoni skond id-dokumenti esebiti minnu stess tramite l-kumpanija Al Nibras for Science and Technology (ara fol 41 u 43).** Anke jekk ma ġietx ippruvata l-esklussivita' tar-rikorrent vis-a-vis id-ditta Sirianni u lanqas illi din id-ditta kellha xi *specifications* uniċi u determinanti, madanakollu r-rikorrent ma kellu l-ebda raġuni 'l għala jkun involut ma suppost kompetitur tiegħu f'*tender* li ma kienx għadu ġie aġġudikat, bl-involviment ta' Caruana.

63. Għalhekk il-Qorti tqis illi fis-sustanza l-intimat Balzan ipprova, iżjed iva milli le, illi r-rikorrent kien involut f'aġir improprju sabiex almenu persuna waħda li kienet qed tipparteċipa fil-proċess ta' *tenders* tal-FTS jirrikorri għandu sabiex jaġevolah u possibilment jaġevola lilu nnifsu u lis-*supplier* Taljan tiegħu.

*It-tieni allegazzjoni: ir-rikorrent ġie aġevolat b'mod improprju tramite l-kumpaniji tiegħu*

64. It-tieni allegazzjoni prinċipali hija dik illi bejn 2013-2015 il-kumpaniji tar-rikorrent rebħu diversi kuntratt pubbliċi u daħħlu żewġ miljun euro minnhom u li f'dan il-perjodu dawn kienu jippreżentaw l-irħas offerti flimkien mal-kumpanija L&A Camilleri deskritta bħala li hija ta' Piju Camilleri, "*henchman*" tal-Ministru Lorry Sant. Din l-allegazzjoni trid tinqara ukoll mal-allegazzjoni li Edward Caruana kien qiegħed jiġi investigat flimkien ma' numru ta' individwi oħra u li l-Pulizija kienet qed tinvestiga dwar jekk ċertu *tenders* tal-FTS inħolqux apposta sabiex jiffavorixxu lil ċertu suppliers (u hawn ġiet imsemmija d-ditta Camillo Sirianni).

65. Dwar din l-allegazzjoni r-rikorrent qabel xejn ħassu malafamat illi kien qiegħed jiġi assoċjat ma' Piju Camilleri. Huwa xehed fl-affidavit tiegħu illi la hu u lanqas il-kumpaniji tiegħu m'għandhom jew kellhom relazzjoni mal-kumpanija L&A Camilleri Ltd jew mal-membri tal-familja Camilleri inkluż Piju Camilleri. Huwa ħass illi Balzan kien qed jimplika li huwa kellu xi rabtiet ma' persuna deskritta bħala *"a henchman of the late, notorious Labour Minister Lorry Sant"* u jqis din l-implikazzjoni bħala malafamanti u nġurjuża. Qal ukoll illi l-familja Camilleri stess, tramite l-avukat tagħha, kienet ħarġet *right of reply* illi permezz tagħha ddikjarat illi hija qatt ma ħadet *tenders* mingħad l-FTS u li ma kellhom xejn x'jaqsmu mar-rikorrent.

66. Huwa ċaħad ukoll l-allegazzjoni illi l-orħos offerti kienu ikunu dejjem tal-kumpaniji tiegħu Al-Nibras u Hangman Limited (li isimha nbidel għal Cominology Limited) u in sostenn huwa esebixxa skeda (Dok SC1) flimkien ma' *Schedule of Tenders* in konnessjoni mat-*tenders* li pparteċipaw fihom dawn il-kumpaniji u li juru li dan ma kienx il-każ. Sostna illi din l-informazzjoni hija pubblika u faċilment aċċessibbli minn fuq is-sit elettroniku tal-FTS.

67. Fl-artiklu in kwistjoni l-intimat qal illi mill-2013 il-kumpaniji tar-rikorrent rebħu € 2 miljuni f'kuntratti pubbliċi, b'tlett kwarti minnhom fl-2015. Qal ukoll illi fl-ewwel nofs tal-2015 l-istess kumpaniji rebħu 21 kuntratt pubbliku (partikolarment f'Ġunju u Lulju) wara li ssottomettew offerti irħas u kompetittivi.

68. Il-Qorti fliet id-dokumenti esebiti mir-rikorrent. Innotat illi almenu fl-2015 il-kumpaniji Al Nibras for Science & Technology Limited u Hangman Limited (entrambi tar-rikorrent) issottomettew l-irħas offerta f'seba' tenders tal-FTS u li l-kumpanija L&A Camilleri Limited ukoll issottomettiet l-irħas offerta f'seba' tenders. Tirriżulta ppruvata għalhekk l-asserzjoni tal-intimat illi "*A look at the offers made for furniture tenders in 2015 shows that the cheapest offers were always made by Sandro Ciliberti's company Al-Nibras for Science & Techology Ltd and Hangman Ltd, as well as by L&A Camilleri ...*"

69. Ma tressqu l-ebda provi dwar l-ammonti li allegatament iddaħħlu mill-kumpaniji tar-rikorrent f'dawn il-kuntratti. Lanqas ma tressqu provi dwar li "*most of the furniture seems to have originated from the Italian company Camillo Siriani, because of the unique design specifications laid down in the FTS contracts.*"

70. Il-Qorti qabel xejn ma taqbilx mar-rikorrent illi l-artikolist assoċjah mal-kumpanija tal-familja ta' Piju Camilleri sempliċiment għaliex qal illi bejniethom dawn it-tlett kumpaniji ssottomettew l-irħas offerti fl-2015. Bħala fatt dan ġie ppruvat mid-dokumenti sottomessi mir-rikorrent stess. Fl-ebda parti tal-artiklu ma kien hemm xi allegazzjoni illi dawn it-tlett kumpaniji kienu qegħdin jaġixxu flimkien jew bi sħab.

71. Dwar il-bqija tal-allegazzjoni u ċioe illi l-kumpaniji tar-rikorrent rebħu ammont kbir ta' tenders u daħħlu € 2 miljun euro, abbinata mal-allegazzjoni illi li l-Pulizija kienet qed tinvestiga dwar jekk ċertu *tenders* tal-FTS inħolqux apposta sabiex jiffavorixxu lil ċertu suppliers, din ma ġietx sostanzjalment ippruvata mill-intimat. Il-Qorti tqis illi din l-allegazzjoni tista' titqies malafamanti fil-konfront tar-rikorrent billi l-qarrej ordinarju seta jinferixxi illi mhux biss illi r-rikorrent kien involut bħala *middleman* f'aġir improprju fit-*tenders* tal-FTS iżda li inoltre kien qed jiġi aġevolat billi l-kumpaniji tiegħu jingħataw it-*tenders* tal-FTS b'mod inġust.

*It-tielet allegazzjoni: l-investigazzjoni min-naħa tal-Pulizija tar-rikorrent in konnessjoni mal-involviment tiegħu ma' persuna li kien tressaq il-Qorti fuq allegat tixħim u li l-Pulizija kienet qed tinvestiga jekk l-attivitajiet tiegħu fin-negozju setgħux wasslu għal attentat fuq ħajjet ir-rikorrent.*

72. A skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti ttenni illi l-intimat ipprova sostanzjalment illi r-rikorrent u Edward Caruana b'xi mod kienu involuti b'mod improprju almenu fil-laqgħa ma' persuna li kien qed jipparteċipa f'żewġ *tenders* tal-FTS. Din it-tielet allegazzjoni però tmur oltre billi l-artikolist insista illi l-Pulizija ukoll kienet qed tinvestiga lir-rikorrent in konnessjoni ma' Edward Caruana u li l-investigaturi fil-każ tat-tqegħid tal-bomba barra r-residenza tar-rikorrent kienu qegħdin janalizzaw jekk din seħħitx minħabba xi kwistjonijiet li seta' kellu ma' terzi fin-negozju inkluż it-tenders li rebħu l-kumpaniji tiegħu.

73. Skond ma xehdu l-Ispettur **<u>Rennie Stivala</u>** u l-Assistent Kummissarju **<u>Ian Abdilla</u>**, ir-rikorrent qatt ma ġiet mitkellem bħala suspettat f'xi investigazzjonijiet tal-Pulizija in konnessjoni ma' Edward Caruana. Madanakollu ħadd minnhom ma seta' jeskludi illi r-rikorrent ġie mitkellem jew li intalab jagħti x informazzjoni fil-kors ta' tali investigazzjonijiet tal-inqas minn xi uffiċjali fi ħdan l-FCID. Skond l-intimat Balzan, meta fl-artikolu lamentat huwa stqarr illi l-Pulizija li kienu qed jinvestigaw l-allegazzjonijiet ta' Philip Rizzo kienu qed jinvestigaw il-konnessjoni potenzjali bejn Edward Caruana u r-rikorrent Ciliberti, huwa ma kienx qed jgħid illi r-rikorrent kien ħati ta' xi ħaġa iżda uża l-kelma "investigazzjoni" fis-sens wiesa' tal-kelma. Qal ukoll illi hu nnifsu kien ġie investigat kemm il-darba.

74. Il-Qorti tqis illi mill-provi ma rriżultax la li l-Pulizija kienu b'xi mod qed jinvestigaw lir-rikorrent in konnessjoni mal-allegat tixħim ta' Edward Caruana u lanqas illi l-investigaturi fir-rigward tat-tqegħid tal-bomba barra r-residenza tar-rikorrent kienu qegħdin jinvestigaw l-attivitajiet tal-istess rikorrent fin-negozju tiegħu.

75. Il-Qorti tqis ukoll illi **meħuda waħedha** din l-allegazzjoni tista' titqies malafamanti fil-konfront tar-rikorrent billi l-qarrej ordinarju seta jinferixxi illi l-Pulizija kienet qed tinvestiga lill-istess rikorrent in konnessjoni mal-allegat tixħim u li b'xi mod l-aġir tar-rikorrent fin-negozju, inkluż it-tenders tal-FTS mirbuħa mill-kumpaniji tiegħu, kien wassal sabiex xi nies mhux magħrufa poġġew bomba barra r-residenza tiegħu, liema bomba splodiet u għamlet ħsara konsiderevoli.

76. Billi t-tielet allegazzjoni prinċipali ma rriżultatx li kienet korretta, dan ma jfissirx li b'daqshekk ir-rikorrent rnexxielu jipprova l-każ tiegħu. Dan jingħad għaliex mhux kull allegazzjoni falza hija malafamanti u jeħtieġ illi, ai termini tal-Art. 28(1) tal-Att dwar l-Istampa, il-Qorti tkun sodisfatta illi l-allegazzjonijiet foloz kienu kalkulati li jtellfu jew jnaqqsu r-reputazzjoni tar-rikorrent. Mhux meħtieġ però illi jiġi ppruvat illi attwalment ġiet ikkawżata ħsara, wisq inqas ħsara serja (kif titlob il-liġi l-ġdida ossia' l-Att dwar il-Midja u l-Malafama), lir-rikorrent.

77. Dwar il-kunċett ta' reputazzjoni ingħad mill-Qorti tal-Appell fl-Ingilterra fis-sentenza **Berkoff v. Burchill**[38] illi għall-finijiet tal-liġi tal-malafama:

> "reputation is to be interpreted in a broad sense as comprehending all aspects of a person's standing in the community...A publication will be defamatory if it affects in an adverse manner the attitude of other people towards the person"

78. Din hija affermazzjoni tat-test addottat minn Lord Atkin fis-sentenza **Sim v Stretch**[39], test li għadu jiġi applikat fil-liġi komuni Ingliża sal-lum u ċioe:

> "Do the words tend to lower the plaintiff in the estimation of right-thinking members of society generally? ... How could perusal of that communication tend to lower the plaintiff in the estimation of the right-thinking peruser who knows nothing of the circumstances but what he or she derives from the telegram itself?"

---

[38] Berkoff v Burchill [1996] 4 All ER 1008; [1997] EMLR 139
[39] Sim v Stretch [1936] 2 All ER 1237

79. Hekk ukoll fis-sentenza **Tolley v. Fry**[40] ingħad minn Greer LJ illi:

> "Words are not actionable as defamatory, however much they may damage a man in the eyes of a section of the community, unless they also amount to disparagement of his reputation in the eyes of right-thinking men generally"

80. Dan it-test huwa meqjus bħala wieħed pjuttost wiesa u ma jirrikjedix xi ġudizzju morali jew etiku *"on the part of right thinking members of society generally"* imma sempliċiment "*a loss of standing in some respect".*

81. Madanakollu l-Qorti ma tistax ma tqisx illi din it-tielet allegazzjoni prinċipali hija effettivament sekondarja għall-ewwel allegazzjoni, ferm iżjed serja, illi r-rikorrent kien involut b'mod improprju f'*tenders* tal-FTS, liema allegazzjoni l-Qorti tħoss illi ġiet sostanzjalment ippruvata. Fuq kollox in-natura tal-ewwel allegazzjoni hija tali illi tagħmel l-investigazzjonijiet tal-Pulizija fil-konfront tar-rikorrent (almenu in konnessjoni ma' Edward Caruana) bħala aspettanza inevitabbli f'moħħ qarrej raġjonevoli, ċioe anke jekk effettivament ma ġiex ippruvat illi huwa kien suġġett għal tali investigazzjonijiet.

82. Għalhekk il-Qorti **ma tqisx illi jkun ġust** oltre minn dikjarazzjoni ġudizzjarja li t-tielet allegazzjoni tal-intimat kienet waħda skorretta, illi hija tqis din l-allegazzjoni bħala malafamanti fil-konfront tar-rikorrent, wisq inqas li tillikwida xi danni favur ir-rikorrent ai termini tal-Art. 28 tal-Kap. 248.

**Kunsiderazzjoni dwar ir-raba' eċċezzjoni: id-dritt ta' kronaka**

83. Ir-raba' eċċezzjoni tal-intimat Balzan hija dik illi l-pubblikazzjoni kienet ta' interess pubbliku u li huwa kien qiegħed jaqdi korrettament id-dmir tiegħu li jirrapporta dwar aħbar serja, gravi u ta' importanza pubblika.

84. Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet; **Albert Caruana v. Gino Cauchi** (App. Ċivili Nru. 775/02 PS, 23/06/2004) tenniet illi:

> "fejn għandu x'jaqsam ma' ġurnaliżmu investigattiv serju kemm il-Qrati Maltin u kif ukoll il-Qorti ta' Stasbourg jagħtu għarfien lill-fatt li l-jedd ta' kronaka mibni fuq ġurnaliżmu serju jagħti ħarsien wiesa' lill-ġurnalist taħt l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni. Dan ukoll fejn il-pubblikazzjoni tkun

[40] Tolley v Fry & Sons Ltd [1931] AC 333

milquta minn xi żball jew ineżattezza ġenwina, imbasta tkun magħmula b'mod serju u prudenti fuq ħaġa ta' interess pubbliku, bla ħsieb jew mottiv ulterjuri u li l-kontenut ikun wieħed ġust ("fair") u li meta jkun hemm ċaħda jew spjegazzjoni ta' dak ir-rapportaġġ mill-persuna milquta bih, il-ġurnalist iġib ukoll tali ċaħda jew spjegazzjoni fl-imsemmi rapportaġġ[41] ... hija regola dottrinali tal-materja aġitata, konfermata wkoll mill ġurisprudenza, illi d divulgazzjoni ta' aħbar permezz ta' stampat jew pubblikazzjoni hi konsiderata bħala eżerċizzju leċitu tad-dritt ta' kronaka. Dan l eżerċizzju però jibqa' hekk leċitu sakemm jikkorrispondu u jikkonverġu fih dawn l-osservanzi prinċipali: (a) il-verità tal-fatti esposti riżultant minn riċerka serja, diliġenti u kompleta; (b) ir-rakkont irid ikun neċessarju għas-sodisfazzjon ta' l interess pubbliku li jkun mgħarraf b'fatti determinati ta' rilevanza politika jew soċjali; (ċ) il-kritika trid tkun miżmuma f'termini korretti u miżurati b'mod li ma titraxxendiex f'aggressjoni personali jew invettiva."

85. Hekk ukoll il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenzi diversi tagħha matul is-snin ipproteġiet dan id-dritt ta' kronika u dan *per di piu* anke f'każijiet fejn jiġu ppubblikati xniegħat jew qlajja illi l-ġurnalista ma' jkunx jista' jipprova. Per eżempju fis-sentenza **Thorgeir Thorgeirson v. Iceland**[42] intqal mill-Qorti illi għalkemm l-allegazzjonijiet kienu bbażati fuq xniegħat persistenti li kienu ġejjin mill-pubbliku, ma' kienx raġjonevoli però għall-persuna li allegatament tat lok għall-malafama illi tipprova l-verità ta' dawn l-allegazzjonijiet:

"the press would be able to publish almost nothing if it were required to publish only fully proven facts. Obviously, the Court's considerations have to be placed in the context of public debates on matters of public concern."

86. Fis-sentenza tal-istess Qorti fl-ismijiet: **Dalban v. Romania** (App No 28114/95) mogħtija fit-28 ta' Settembru 1999, f'każ fejn ġurnalista Rumen għamel numru ta' akkużi ta' korruzzjoni u *mismanagement* fil-konfront ta' kap eżekuttiv ta' korp statali fis-settur tal-agrikoltura, l-Awla l-Kbira tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem filwaqt li għamlet riferenza għall-kawżi oħra inkluż il-każ ta' Lingens v. Austria, stqarret illi:

"49. One factor of particular importance for the Court's determination of the present case is therefore the essential function the press fulfils in a democratic society. Although the press must not overstep certain bounds, in particular in respect of the reputation and rights of others and the need to prevent the disclosure of confidential information, its duty is nevertheless to

---

[41] App. Ċiv. 26.3.2010 fil-kawża fl-ismijiet **Norman Beżżina vs Joe Mifsud** kif ikkwotata fis-sentenza **Louis Galea v. Etienne St. John et.** (946/1997/1 JRM, PA, 30/04/2015)
[42] **Thorgeir Thorgeirson v Iceland** (1992) 14 EHRR 843; 13778/88; [1992] ECHR 51 25 Jun 1992

impart – in a manner consistent with its obligations and responsibilities – information and ideas on all matters of public interest. In addition, the Court is mindful of the fact that journalistic freedom also covers possible recourse to a degree of exaggeration, or even provocation. In cases such as the present one, the national margin of appreciation is circumscribed by the interest of democratic society in enabling the press to exercise its rightful role of "public watchdog" in imparting information of serious public concern (see Bladet Tromsø and Stensaas cited above, § 59). It would be unacceptable for a journalist to be debarred from expressing critical value judgments unless he or she could prove their truth (see the Lingens v. Austria judgment of 8 July 1986, Series A no. 103, p. 28, § 46)."

87. X'inhi l-pożizzjoni fil-liġi Maltija? Nonostante li d-dħul fil-liġi tal-Kap. 579 issodat u daħlet formalment eċċezzjonijiet oħra li d-diffamatur jista' jagħti (fosthom l-eċċezzjoni tal-opinjoni onesta), il-pożizzjoni meħuda fil-Qrati tagħna baqgħet sostanzjalment l-istess fis-sens illi meta d-diffamatur jeċepixxi l-verità tal-fatti jeħtieġlu jipprova li l-fatti allegati minnu huma sostanzjalment veri nonostante d-dmir tiegħu li jirrapporta storja ta' interess pubbliku. Jekk ma' jirnexxielux jagħmel dan id-difiża tiegħu taqa' fix-xejn.

88. Din il-posizzjoni tradizzjonalment ġiet addottata ukoll fil-qrati Ingliżi. Hekk per eżempju fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Grobbelar v. News Group Newspapers Ltd and Another</u>** (UKHL, 24.10.2002) f'każ fejn it-*tabloid* Ingliż "*The Sun*" ippubblika serje ta' artikli b'akkużi serji ta' xiri ta' logħob u korruzzjoni fil-konfront tal-goalkeeper tat-tim tal-futbol Liverpool FC. Bruce Grobbelar, wieħed mill-argumenti tad-diffamaturi kien dak illi kien diffiċli jekk mhux addirittura impossibbli li tipprova illi player professjonali ikun intenzjonalment lagħab ħażin bl-iskop ta' korruzzjoni. Lord Millett ma' qabilx ma' dan l-argument u tenna s-segwenti:

"Two arguments have been advanced in response. The first is that advanced in argument by the newspaper. It can be expressed in words such as these: That a professional sportsman has deliberately underperformed in a match is bound to be very difficult to prove - all sportsmen make mistakes in the course of play - an international class striker may miss the goal from point blank range - deliberate errors are virtually impossible to prove. **<u>If this argument is meant to suggest that when the truth of a defamatory statement is difficult to prove, and has not been proved, then the truth of the statement may be treated as proved nevertheless, it is not the law, nor should it be</u>** (emfażi u sottolinear miżjuda mill-Qorti). The law is that so far as the issue of justification is concerned, the publisher of the defamatory statement must allege and prove that the statements of fact were substantially true, no more, no less. In the present case, the defendants did not at the trial attempt to rebut the plaintiff's evidence that he had never attempted to throw a game"

89. Minn dak li rriżulta lil-Qorti fuq preponderanza ta' provi, l-ewwel allegazzjoni prinċipali dwar l-aġir improprju tar-rikorrent almenu f'żewġ *tenders* tal-FTS tirriżulta sostanzjalment ippruvata. Minn Jannar 2016 (iż-żmien meta Christopher Farrugia kien bagħat permezz ta' *email* lil Balzan il-korrispondenza li kienet għaddiet bejnu u bejn ir-rikorrent inkluż Janice Spiteri u Camillo Sirianni) sa' Diċembru 2016 (meta bdiet is-sensiela tal-artikoli in kwistjoni) għaddiet kważi sena u m'hemmx dubbju illi matul dan il-perjodu l-intimat ittenta jwettaq riċerka serja sabiex finalment iwassal lill-qarrejja l-allegazzjonijiet in kwistjoni. Dawn ċertament kienu fl-interess pubbliku u ma jistax jingħad illi l-kritika lejn ir-rikorrent kienet tikkonsisti f'xi aggressjoni personali jew invettiva. Fir-rigward tat-tieni u t-tielet allegazzjonijiet dawn ma rriżultawx sostanzjalment ppruvati u għalhekk il-Qorti qed tilqa' din l-eċċezzjoni *in parte* limitatament għall-pubblikazzjoni tal-ewwel allegazzjoni prinċipali.

**Likwidazzjoni tad-danni**

90. Kif ġie ritenut fil-ġurisprudenza fir-rigward tad-danni taħt il-Kap. 248, din il-Qorti tgawdi minn diskrezzjoni meta tiġi biex tillikwidahom stante illi dawn huma ta' natura morali u ma' jirrappreżentawx telf attwali. Fil-verità però għad li dawn it-tip ta' danni mhumiex faċilment aċċertabbli, huma xorta waħda danni kumpensatorji (*"compensatory damages")* intiżi sabiex iqegħdu lill-persuna offiża lura fl-istat li kien qabel ma' sofra d-danni (*restitutio ad integrum*). Ċertament m'humiex danni punittivi jew eżemplari intiżi sabiex iservu ta' tagħlima għad-difamatur jew bħala deterrent għas-soċjetà in ġenerali.

91. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet '**Andrew Borg Cardona et v. Aaron Farrugia'** (Rik Nru 267/2014/1 AE, 18.12.2018):

> *"jkun iktar floku jekk f'kawża ta' libell l-ewwel qorti fis-sentenza tagħti r-raġunijiet li jkunu wassluha biex tillikwida s-somma li tikkundanna lill-konvenut iħallas. Hemm diversi raġunijiet, bħal per eżempju:*

- *In-natura u s-serjetà tal-allegazzjoni li tkun saret fid-dikjarazzjoni malafamanti;*
- *Il-mezz tal-pubblikazzjoni;*
- *Kemm id-dikjarazzjoni malafamanti tkun inxterdet;*
- *Li l-awtur ikun għamel apoloġija jew offra li jagħmel apoloġija;*
- *Provi dwar ir-reputazzjoni tal-attur;*
- *Fejn il-konvenut ikun invoka l-verità tal-fatti, jekk parti mill-fatti li jkun ġew imxandra jkunu rriżultaw li huma veri;"*

92. Hija l-fehma tal-Qorti illi fil-kuntest tal-bqija tal-artikoli li ġew ippubblikati, fejn irriżulta ppruvat fuq preponderanza tal-provi illi l-allegazzjoni dwar aġir improprju tar-rikorrent fejn jidħlu xi *tenders* tal-FTS, ir-reputazzjoni tar-rikorrent diġa ħadet daqqa fl-istima ta' *right thinking members* ta' intelliġenza ordinarja u raġjonevoli. B'danakollu l-intimat Balzan ma kellux liċenzja illi jgħid li jrid fuq ir-rikorrent, ukoll jekk ma jkunx fattwali, mingħajr ma jesponi lilu nnifsu għal responsabbiltà ċivili. L-allegazzjoni illi r-rikorrent kien jiġi aġevolat billi ditta li kellu konnessjoni magħha jew il-kumpaniji tiegħu kienu b'mod konsistenti jingħataw it-tenders tal-FTS b'mod inġust, ma kienetx waħda leġġera u l-artiklu ġie ppubblikat ukoll fis-sit elettroniku tal-gazzetta. Fiċ-ċirkustanzi għalhekk il-Qorti tħoss illi s-somma ta' seba' mitt euro (€ 700) tkun waħda ġusta u ekwa fiċ-ċirkustanzi tal-każ.

**Kjarifika finali dwar l-azzjoni tar-rikorrent**

93. Finalment u għal kull bwon fini jingħad illi minkejja illi fl-affidavit tiegħu r-rikorrent sostna illi l-artikolu kien ta' preġudizzju serju *inter alia* għan-negozju tiegħu, l-azzjoni tiegħu kienet intavolata għall-likwidazzjoni tad-danni taħt l-Art. 28 u mhux ukoll taħt l-Art. 29 (inġurja ta' isem u malafama ta' negozju) tal-istess kap.

**Deċiżjoni**

94. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża kif ġej:**

- **Qabel xejn tilqa' l-ewwel eċċezzjoni billi ssib illi l-intimat Matthew Vella mhuwiex leġittimu kontradittur u għalhekk tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju.**

- **Tiċħad it-tieni eċċezzjoni billi din ġiet sorvolata fil-kors tal-kawża.**

- **Tilqa' *in parte* t-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet, u għalhekk tiċħad it-talba tar-rikorrent, sa' fejn dawn jirrigwardaw l-allegazzjoni prinċipali illi r-rikorrent kien involut f'aġir improprju ma' Edward Caruana f'tenders tal-FTS bħala *middleman*.**

- **Fir-rigward tal-allegazzjoni sussidjarja illi r-rikorrent kien qed jiġi investigat mill-Pulizija għall-involviment tiegħu ma persuna li kienet qed titressaq il-Qorti fuq allegat tixħim in konnessjoni ma tenders tal-FTS u dik illi l-attivitajiet tiegħu fin-negozju setgħu wasslu sabiex persuna jew persuni mhux magħrufa tpoġġilu jew ipoġġulu bomba barra d-dar tiegħu, l-Qorti tiċħad it-talba tar-rikorrent illi din kienet**

**malafamanti fil-konfront tiegħu anke jekk irriżultat sostanzjalment skorretta.**

- **Fir-rigward tal-allegazzjoni illi r-rikorrent kien jiġi aġevolat billi ditta li kellu konnessjoni magħha jew il-kumpaniji tiegħu kienu b'mod konsistenti jingħataw it-tenders tal-FTS b'mod inġust, il-Qorti tiċħad t-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet u tilqa' t-talba tar-rikorrent illi din l-allegazzjoni ppubblikata fil-ħarġa tal-ġurnal Malta Today tat-tmintax (18) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sittax (2016) u fuq is-sit elettroniku tagħha bħala allegazzjoni malafamanti fil-konfront tiegħu u għalhekk tikkundanna lill-intimat Balzan iħallsu danni fl-ammont ta' seba' mitt euro (€700) ai termini tal-Art. 28 tal-Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta**

**Fir-rigward tal-ispejjeż dawn għandhom jitħallsu nofs bin-nofs ossia nofs mir-rikorrent u nofs mill-intimat Balzan.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y.M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |